# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 801/2018 JVC**

**Dr André Borg nomine** bhala mandatarju specjali ta'

(1) Vera Morgan u ghall kull interess li jista' jkollhom
(2) Laura Clark
(3) Anthony Morgan, u
(4) Janette Morgan

vs

**Drifter Car Rentals Co. Ltd** (C13960) u **John Borg bhala direttur ta' Dirfter Car Rentals Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr. André Borg nomine kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi fil-11 ta' Gunju 2016, Vera Morgan (Dokument Residenzjali numru 0022314A), waqt illi kienet miexja fi Triq is-Salib, Mellieha, lejn il-karozza taghha li kienet parkeggjata fiz-zona appozita bizwit Misrah is-Salib, hija zelqet minhabba t-ticliz ta' siment u ilma li kien qed icarcar mill-proprjeta' kummercjali bl-isem *Drifter Garage* u garrbet korriment serju fir-riglejn ix-xellugija (Dok VM 1 – VM2);

2. Illi r-rikorrenti Vera Morgan kellha tittiehed l-isptar minnufih u tissottoponi ghal intervent kirurgiku minhabba li kien hemm ksur tat-tibia u fibula fir-riglejn ix-xellugija. Illi fix-xhur li segwew, ir-rikorrenti subiet interventi medici u trattamenti varji u eventwalment kellha titlaq ghal kollox minn Malta sabiex tmur tkompli t-terapiji l-Ingilterra;

3. Illi b'rizultat dirett tal-incident, Vera Morgan sofriet danni serji fuq il-persuna u l-integrita` fizika taghha li wasslu ghal debilita` permanenti kif jista' jigi accertat minn analizi appozita. In oltre, Vera Morgan flimkien mar-rikorrenti l-ohrajn Laura Morgan, Tony Morgan u Janette Morgan bhala familjari taghha, inkorrew danni materjali ingenti li jinkludu konsulti, interventi, vjaggar, kura u terapiji f'Malta u fl-Ingilterra flimkien ma' spejjez varji ohrajn kif ser jigu ppruvati f'din il-kawza.

4. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' zamma xierqa taz-zona u ta' harsien

tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` da parti tas-socjeta` konvenuta *Drifter Car Rentals Co. Ltd*, id-Diretturi taghha u tan-nies fis-servizzi taghha.

5. Illi ghalkemm ir-rikorrenti kienu ghamlu rapport dwar l-akkadut mad-dirigenti tal-istess socjeta` u interpellawhom diversi drabi sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, anke permezz tal-ittri ufficjali numru 2571/2016 u 2402/2018, huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. (Dok VM3 – VM4)

6. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Jghidu ghalhekk il-partijiet konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li sehh fil-11 ta' Gunju 2016, fi Triq is-Salib, Mellieha u ghad-danni kollha diretti u konsegwenzjali, prezenti u futuri, subiti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' dan l-incident;

2. Tillikwida dawn id-danni favur ir-rikorrenti okkorendi bl-opra ta' espert u perit nominat ghal dan il-ghan;

3. Tordna li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti dawk id-danni li jigu hekk likwidati flimkien mal-imghaxijiet legali;

4. Bil-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet, komprizi dawk tal-ittri ufficjali numru 2571/2016 u

2402/2018, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata Drifter Car Rentals Company Limited li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi, in linea preliminari, ir-rikorrent Dr. Andre' Borg bhala mandatarju specjali tar-rikorrenti Vera Morgan, ghandu jressaq prova tal-mandat specjali moghti lilu, akkumpanjat minn raguni legittima, u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1866 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi di piu', ukoll in vena preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan ghandhom jigu michuda in kwantu diretti kontra s-socjeta' esponenti stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-imsemmija rikorrenti u s-socjeta' Drifter Car Rentals Company Limited. Gialadarba bejn dawn il-partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu guridiku [li jitnissel *ex nunc* minn xi agir extra-kontrattwali] li jorbothom flimkien ai finijiet tal-prezenti kawza, isegwi ghalhekk li s-socjeta' esponenti Drifter Car Rentals Company Limited m'hiex il-legittimu kontradittrici ghall-lanjanzi tal-imsemmija rikorrenti u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghal premess u fil-mertu, qabel xejn ghandu jigi rilevat li, skond il-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat,* anke a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jinkombi interament fuq ir-rikorrenti li jipprovaw skond il-grad rikjest mill-ligi illi l-allegat incident *de quo* verament sehh minhabba xi negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta' zamma xierqa taz-zona u ta' harsien tar-regolamenti tas-sahha u sigurta' da parti tas-socjeta' esponenti Drifter Car Rentals Company Limited, hekk kif jidher li qieghed jigi allegat fir-rikors promotur. Hawn ghandu jigi senjalat illi s-socjeta' esponenti, tramite s-socjeta' assikurattiva taghha, ghamlet kull attentat qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri sabiex tinghata r-rapporti, id-dokumenti u l-evidenza kollha fil-pussess tar-rikorrenti li, skond huma, kienu jattribwixxu responsabbilta' fuq l-imsemmija socjeta' esponenti, liema prova pero' qatt ma nghatat lilha hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal dak appena eccepit, is-socjeta' esponenti dejjem agixxiet b'diligenza fejn, fost affarijiet ohra, dejjem adderiet ruhha mal-obbligi legali taghha, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi u anke in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrenti jippruvaw li s-socjeta' esponenti verament wettqet xi nuqqas illi jaghmilha b'xi mod responsabbli ghall-allegat incident mertu tal-kawza odjerna u l-grad ta' tali responsabbilta'.

7. Illi jsegwi ghalhekk li t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ukoll tigi rigettata billi m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrenti.

8. Konsegwentement it-tielet u raba' talba rikorrenti ghandhom wkoll jigu michuda billi s-socjeta' esponenti m'ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda danni u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

9. Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi u bl-ispejjes.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' John Borg bhala Direttur ta' Drifter Car Rentals Company Limited li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi, in linea preliminari, ir-rikorrent Dr. Andre' Borg bhala mandatarju specjali tar-rikorrenti Vera Morgan, ghandu jressaq prova tal-mandat specjali moghti lilu, akkumpanjat minn raguni legittima, u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1866 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi di piu', ukoll in vena preliminari, it-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-esponent huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda in kwantu diretti kontra l-esponent fil-kwalita' personali tieghu stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-imsemmija rikorrenti u John Borg fil-kwalita' personali tieghu. Gialadarba bejn dawn il-partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu guridiku [li jitnissel *ex nunc* minn xi agir extra-kontrattwali] li jorbothom flimkien ai

finijiet tal-prezenti kawza, isegwi għalhekk li l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanzi tal-imsemmija rikorrenti u għandu għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

4. Hawn għandu jiġi senjalat illi l-esponent, tramite korrispondenza mibgħuta lid-difensur legali tar-rikorrenti fil-21 ta' Awissu 2018, issenjala bl-aktar mod ċar illi huwa ma kellu l-ebda involviment fil-kwalita' personali tiegħu stante li l-fond imsemmi fir-rikors promotur huwa operat mis-soċjeta' Drifter Car Rentals Company Limited. Ciò nonostante, ir-rikorrenti xorta għażlu li jistitwixxu dawn il-proċeduri anke fil-konfront tal-esponent.

5. Illi, mingħajr preġudizzju u fil-mertu, jispetta lir-rikorrenti li jressqu prova sal-grad rikjest mill-liġi illi l-allegat inċident *de quo* seħħ minħabba xi negliġenza, traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' żamma xierqa taż-żona u ta' ħarsien tar-regolamenti tas-saħħa u sigurta' da parti tal-esponent, hekk kif jidher li qiegħed jiġi allegat fir-rikors promotur.

6. Illi jsegwi għalhekk li t-tieni talba rikorrenti għandha ukoll tiġi riġettata billi m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-imsemmija rikorrenti.

7. Konsegwentement it-tielet u raba' talba rikorrenti għandhom wkoll jiġu miċħuda billi l-esponent m'għandux jiġi kkundannat iħallas ebda danni u dan għar-raġunijiet hawn fuq premessi.

8. Salv eċċezzjonijiet oħra premessi fil-liġi u bl-ispejjes.'.

Rat l-affidavits, xiehda, ritratti, ittri ufficjali, prokura, case-summary, file mediku kemm lokali u dak esteru, ricevuti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Jannar, 2019 l-Avukat Nikol Caruana ghall-atturi talab l-hatra ta' espert mediku u l-Qorti hatret lil Mr Frederick Zammit Maempel bhala espert mediku sabiex wara li jezamina lill-attrici Vera Morgan jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-incident imsemmi fir-rikors mahluf fuq l-istat ta' sahha tal-imsemmija attrici u jekk konsegwenza tal-istess incident l-imsemmija attrici garrbitx xi debilita' permanenti u f'liema grad;

Rat illi fil-verbal tas-27 ta' Frar, 2019 l-atturi talbu li jressqu bhala xhud taghhom lil Ver Farrugia u rat li l-Avukat Alessia Zammit McKeon ghall-konvenuti oggezzjonat ghall-produzzjoni tax-xhud Ver Farrugia ghaliex fil-lista tax-xhieda tal-atturi mhijiex indikata bhala xhud liema xhud kienet a konoxxenza tal-atturi fl-istadju tal-intavolar ta' dawn il-proceduri u ghaldaqstant kellha tigi dikjarata b'mod esplicitu u rat id-digriet tal-Qorti diversament preseduta moghti seduta stante fejn wara li qieset li l-atturi ma resqux ebda gustifikazzjoni valida ghalfejn Ver Farrugia ma gietx indikata bhala xhud fil-lista tax-xhieda u qed tintalab bhala xhud f'dan l-istadju ghaddiet sabiex cahdet it-talba;

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel a fol. 1060 *et seq* tal-process mahluf nhar l-10 ta' Lulju, 2019;

Rat in-nota tal-intimati Drifter Car Rentals Company Limited intavolata nhar is-16 ta' Lulju, 2019 a fol. 1066 tal-process fejn permezz taghha talbu l-hatra ta' periti medici addizzjonali u rat li s-socjeta' intimata ma baqghetx tinsisti fuq din in-nota;

Rat illi fil-verbal datat 28 ta' Settembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti:</u>**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna ncident li sehh nhar il-11 ta' Gunju, 2016 fi Triq is-Salib, Mellieha meta l-attrici Vera Morgan filwaqt li kienet ser tirkeb fil-vettura taghha li kienet ipparkeggjata f'kaxxa tal-persuni b'dizabilita' biswit Misrah is-Salib, zelqet fuq ticliz ta' siment u ilma li allegatament kien qieghed icarcar mill-proprjeta' kummercjali bl-isem Drifter Garage. Konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici Vera Morgan soffriet korriment serju fir-rigel tax-xellug, liema ncident l-attrici tinsisti li sehh unikament minhabba n-negligenza, traskuragni, nuqqas ta' zamma xierqa taz-zona u ta' harsien tar-regolamenti tas-sahha u sigurta' da parti tas-socjeta' intimata, d-diretturi u n-nies fis-servizz taghha. Ghal dawn ir-ragunijiet l-attrici Vera Morgan flimkien ma wliedha l-atturi l-ohra, Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan istitwew kawza sabiex tigi determinata r-responsabilita' ghall-incident li sehh nhar il-11 ta' Gunju, 2016 fi Triq is-Salib, Mellieha u konsegwentement jigu likwidati d-danni u jigi ordnat il-hlas ta' tali danni hekk likwidati.

Illi da parti taghha s-socjeta' intimata eccepiet, apparti eccezzjonijiet preliminari, li skont il-principju legali *onus probandi*

*incubit ei quo dicit non ei qui nega*, u anke ai termini tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprovaw skont il-grad rikjest mill-ligi li l-allegat incident verament sehh minhabba xi negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta' zamma xierqa taz-zona u ta' harsien tar-regolamenti tas-sahha u sigurta' da parte tas-socjeta' intimata Drifter Car Rentals Company Limited. Is-socjeta' intimata tinsisti li jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw li s-socjeta' intimata wettqet xi nuqqas illi jaghmilha b'xi mod responsabbli ghall-allegat incident mertu tal-kawza odjerna u l-grad ta' tali responsabbilita'. Is-socjeta' intimata eccepiet ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan ghandhom jigu michuda stante li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-imsemmija rikorrenti u s-socjeta' Drifter Car Rentals Company Limited. Issostni li gjaladarba la kien hemm u lanqas ma jista' jkun hemm rapport kontrattwali jew obbligu guridiku li jorbothom flimkien, is-socjeta' intimata Drifter Car Rentals Company Limited m'hijiex il-legittima kontradditrici u ghandha tigi liberata mill-gudizzju.

Illi l-intimat John Borg bhala direttur tas-socjeta' Drifter Car Rentals Company Limited eccepixxa li t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda kwantu diretti kontra tieghu personali stante li m'hemmx relazzjoni guridika bejn l-imsemmija rikorrenti u John Borg fil-kwalita' personali tieghu. Isegwi li bejn il-partijiet ma kienx hemm u qatt ma jista' jkun hemm rapport kontrattwali jew obbligu guridiku li jorbothom flimkien ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhuwiex legittimu kontradittur. L-intimat jishaq li huwa ssenjala bl-aktar mod car li huwa ma kellu l-ebda involviment fil-kwalita' personali tieghu stante li l-fond imsemmi huwa operat mis-socjeta' Drifter Car Rentals Company Limited. Nonostante dan isostni li l-attrici

xorta ghazlet li tipprocedi fil-konfront tieghu. L-intimat John Borg fil-kwalita' tieghu ta' direttur eccepixxa wkoll li r-rikorrenti jridu jressqu prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-allegat incident sehh minhabba xi negligenza, traskuragni, imperizia u nuqqas ta' zamma xierqa taz-zona u ta' harsien tar-regolamenti tas-sahha u sigurta'.

Illi jirrizulta li skont ir-rapport tal-espert mediku nominat mill-Qorti Mr Frederick Zammit Maempel a fol. 1060 *et seq* tal-process, konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrenti Vera Morgan garbet debilita' permanenti stmata ta' tmienja u ghoxrin fil-mija (28%).

**<u>Access:</u>**

Illi din il-Qorti kif preseduta wara li rat ir-ritratti esebiti u stante l-fatt li hija konoxxenti sew tal-ambjenti u t-triq fejn sehh l-incident ma hassitx li kien hemm il-bzonn li jsir access.

**<u>Provi:</u>**

Illi ghalkemm fl-atti tressqu bosta xhieda, tista tghid li hadd minn dawk li tressqu, ghajr ghar-rikorrenti nfisha Vera Morgan ma assistew ghall-mument tal-incident veru u proprju li wassal ghal din il-kawza, bl-istess rikorrenti Vera Morgan tkun ix-xhud principali. Din il-Qorti tinnota li fil-mument tal-incident prezenti kien hemm zewgt l-attrici Edward Morgan, li ma tressaqx bhala xhud probabilment minhabba li allegatament huwa jbati minn 'vascular dementia'.

<u>L-attrici Vera Morgan:</u>

Illi fl-affidavit taghha a fol. 29 *et seq* tal-process l-attrici tibda billi tghid li s-Sibt, 11 ta' Gunju, 2016 kien gheluq sninha. Tghid li flimkien ma' zewgha Edward Morgan kienu marru jieklu filghaxija gewwa restaurant' fil-Mellieha. Tghid li wara li kienu lestew irritornaw lura lejn il-karozza li kienet ipparkeggjata l'fuq go parking space faccata tar-'Reflections Bar' u tal-garaxx bl-isem 'Drifter car hire' li jinsab biswit l-imsemmi Bar.

L-attrici tghid li hi u zewgha kienu mexjin fuq il-bankina u meta resqu lejn il-vettura taghhom u hi ghamlet sieqha fuq wicc it-triq hasset bhal siment imxarrab taht iz-zarbun u zelqet. Izzid li zelqet wicca l'fuq u kisret sieqha x-xellugija. L-attrici tiddeskrivi l-mument tal-incident bil-mod segwenti:

> *'We were walking on the pavement and upon approaching the car, as I set foot on the road surface I felt like wet cement under my shoes and I slipped. At that moment I fell backwards, breaking my left leg. I actually heard my leg snap.'*

L-attrici tkompli tiddeskrivi l-incident billi tghid li kien hemm certu Jonathan li kien fil-vicinanza li mar u poggiha bil-qieghda sakemm giet l-ambulanza. Eventwalment l-attrici ttiehdet l-Emergenza fl-isptar Mater Dei u giet rikoverata ghal madwar disa' (9) xhur shah nieqsa minn kwalunkwe mobilita'. Tishaq li f'dawn id-disa' (9) xhur hija kienet giet trasferita mill-isptar Mater Dei ghall-isptar Karen Grech u lura ghall-isptar Mater Dei peress li kienet zviluppat xi kumplikazzjonijiet. Tispjega li sad-data li kienet qieghda taghmel l-affidavit taghha hija kienet ghamlet tlett (3) interventi kirurgici u kellha bzonn taghmel ohrajn. Konsegwenza tal-kumplikazzjonijiet l-attrici tishaq li waslet f'punt

li kien ser ikollha titlaq lejn l-Ingilterra ghall-proceduri medici ulterjuri. Tinsisti li hija kellha titlaq minn Malta bi sforz peress li kienet ilha tghix gewwa Malta ghal dawn l-ahhar sbatax-il (17) sena.

L-attrici zzid li qabel ma kellha l-incident hija kienet il-'carer' primarju tar-ragel taghha li jsofri minn 'vascular dementia'. Tinsisti li konsegwenza tar-rikoveru taghha fl-isptar, kellhom ihallsu 'carers' biex jiehdu hsiebu, l-'meals on wheels' u hafna ohrajn. Tirrileva li filwaqt li qieghda taghmel l-affidavit taghha r-ragel kien gja l-Ingilterra rikoverat f'dar residenzjali fizikament separat minn maghha u dan kien qieghed jikkawza dwejjaq, solitudni u distakk kbir. Tinsisti li hija kienet qieghda thoss in-nuqqas tieghu u din is-sitwazzjoni aggravat il-kundizzjoni tieghu. Tiddeskrivi l-posizzjoni emozjonali taghha bhala wahda ta' rabja meta tiftakar li trid terga' taghmel operazzjoni ohra bil-possibilita' li jkollha sieqha amputata.

Dwar l-incident r-rikorrenti zzid li hija hasset taht saqajja siment li zelqet fuqu. Issostni li dan is-siment kien gej minn fejn l-entratura ta' Drifter's garage. Hi tispjega li milli jidher kien sar xi siment gdid fil-garaxx u parti minnu li kien zejjed hareg fit-triq. Tghid li ghandha ritratti ta' dan u taz-zarbun bis-siment imwahhal fil-qiegh:

> *'Referring back to the day of the accident, I confirm that I felt cement slurry on which I slipped. The slurry was coming all the way from Drifter's garage entrance. It seemed that when fresh cement was laid down on the garage floor, and through the process of watering the cement, slurry overspilled on the road. I have photos which show all this, including photos of my shoes with cement stuck to the bottom of it.'*

L-attrici taghlaq billi tghid li f'dawn l-ahhar xhur hajjitha u hajjet uliedha bniet giet interrotta. Tghid li nefqu hafna flus f'kura medika, safar u spejjez ohra. Tixhed li kellha wkoll titrasferixxi ruhha gewwa appartament iehor li kien gholi d-doppju izda bla tarag u dan bit-tama li terga tmur lura fl-appartament pero' l-incident bidlilha hajjitha kollha.

In kontro-ezami a fol. 1028 *et seq* tal-process l-attrici fuq domanda tal-avukat tal-intimati r-rikorrenti ndikat id-data tal-11 ta' Gunju, 1943 bhala d-data tat-twelid taghha u l-11 ta' Gunju, 2016 bhala d-data tal-incident. Mistoqsija l-kundizzjoni medika taghha qabel l-incident tixhed li qabel l-incident hija kellha d-diabete type 2 u kellha arterja mizduda. Tindika r-'restaurant' li fih kienu qeghdin jieklu bhala dak tal-'Cross Keys' fil-Mellieha. Bhala hin li marru ghall-ikel indikat is-sebgha ta' filghaxija (7pm) filwaqt li ndikat il-hin tad-disgha ta' filghaxija (9pm) bhala l-hin x'hin lestew u kienu ser jirritornaw lejn id-dar.

Mistoqsija u murija r-ritratt a fol. 5 tal-process li juri t-triq fejn gara l-incident ir-rikorrenti tindika li l-vettura taghha kienet ipparkeggjata go kaxxa tal-persuni b'disabilita' fejn fir-ritratt tidher l-vettura tal-ghamla BMW sewda. Meta mistoqsija li l-kaxxa tal-persuni b'dizabilita' hija f'post iehor, ir-rikorrenti tindika li l-kaxxa tal-persuni b'dizabilita' dak iz-zmien kienet qieghda quddiem is-sigar. Tispjega li meta harget mill-karozza kollox kien tajjeb. Meta Dr. Alessia Zammit Mckeon ghamlet ir-riepilogu lill-Qorti hija ndikat li l-vettura tar-rikorrenti kienet ipparkeggjata fejn kien hemm indikat is-salib:

> *'Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok so your Honour, the second, the third photo of Doc VM1 Fol 5 of the Court file where there is a*

*circle in the third photo is where the restaurant is, Cross Keys, where Mrs Morgan was parked where there is the black BMW where there is a cross. Reflections Pub is the outlet where there is a car parked in front of it and there is a sign, I think Carlsberg, a beer sign and right next door there is Drifter Garage. Ok so you state that you parked the car over there, in the disabled parking?*

*Witness: Yes yes.'*

Ir-rikorrenti tkompli tispjega t-tragitt li għamlet lura għall-vettura meta lestew mill-ikla. Tispjega li hi mxiet fuq il-bankina man-naħa tar-'restaurant' 'Cross Keys' u meta waslet quddiem id-dar miżbugħa bl-aħmar li tidher fuq ir-ritratt a fol. 5 qasmet sabiex tiġi man-naħa tal-parkeġġ. Ir-rikorrenti tkompli tispjega kif minn fuq il-bankina hija waslet fejn il-vettura u kellha l-inċident:

*'Dr Alessia Zammit Mc Keon: So from what you are stating, if I am understanding correctly you had walked a few steps on the tarmac, opened the door and when you were in the process of opening the door and entering into your vehicle that you slipped?*

*Witness: Where it was parked, where the car was parked in the bay, I didn't walk on any tarmac. I stepped off the pavement to get into my car.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Yes ok but you had to walk half the length of your vehicle because.*

*Dr Nikol Caruana: The pavement has a particular shaping there.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Yes yes we can see the pavement but if you're going to walk off the pavement, if you're going to walk off the pavement you are going to be next to the bonett of your car so*

*have to walk a few paces. I'm not telling you that you walked many meters. You walked a few paces, opened the door of your vehicle, stepped in and in the process of stepping in, you slipped. Is that correct?*

*Witness: Here was my car, here. Ok?*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Where that black BMW is shown?*

*Witness: Right there. So as I, ... my car was parked a little bit further in cos it was smaller than this car. Ok?*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok.*

*Witness: So obviously the pavement, you can't see it on this, from this one, yeah but it ............... to me I'm sorry ...... to me. I'm going off this one here.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: The third photograph your Honour.*

*Witness: Where this one, where it was I was stood, stand up a tiny bit further in, I was stood at my driving side.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: At your door. Ok.*

*Witness: At my door to get in.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok. So you walked a few paces to get to the door, opened the door and slipped? Correct?*

*Witness: Yeah.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Yes?*

*Witness: I opened yeah, I had to, I obviously had to open the door.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Yes yes I'm not faulting you because you opened the door so I am just to establish facts.*

*Witness: Because I had to step off the pavement.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: When you slipped your door was open?*

*Witness: Yeah I opened the door.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Opened the door.*

*Witness: To get in and then I'm trying to get into the car and I slipped.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Whilst trying to get into the car?*

*Witness: Yes.'*

Tkompli fil-kontro-ezami billi tiddeskrivi b'mod aktar car x'kien il-materjal li hija zalqet fuqu. Dwar dan il-materjal xehdet kif isegwi a fol. 1038 tal-process:

*'Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok perfect. Now in your affidavit you mention that at that point in time when you slipped, you felt, now I'm going to quote exactly what you said, wet cement under my shoes and I slipped. That's what you state in your affidavit.*

*Witness: Yes I felt it and I saw it.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Now this is what I'm going to ask. Apart from what you felt cos you noted it in your affidavit, what did you see? Can you give us a description of what you saw?*

*Witness: When my hand, both hands that I went down on my hands and I picked my handbag and looked at my hands and I had all this stuff on my hands and it was slurry.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Slurry ok.*

*Witness: Ok that's the only way I can describe it and I thought I was all wet.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Which is slurry is like gunched right?*

*Witness: Dunged. Yes it was dunged.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok.*

*Witness: And all my clothes, everything was wet and my, because my feet I got a pair of mules on. I could feel my feet wet. You know?'.*

Ir-rikorrenti tkompli tispjega li meta zelqet hi giet wicca l' fuq u kien hemm persuna li taha l-ghajnuna u qajjimha ghal bil-qieghda. Sussegwentement l-ambulanza gabritha minn kif kienet bil-qieghda.

Mistoqsija kif ikkonkludiet li l-materjal li zelqet fuqu kien gej mill-garage ta' Drifter a fol. 1043 tal-process hija wiegbet is-segwenti:

*'Witness: Well on that side was Reflections and it certainly was not coming from Reflections and there was nothing on the other side of Drifters Garage in any shape or form to be coming from there.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: So with your reply I am understanding that you are by eleminating, by the ... of elimination you are assuming that it's coming from, it came from Drifters because it's not coming from Reflections Bar.*

*Xhud: Yes.'*

Mistoqsija jekk hija avvicinatx lil Drifter Garage rigward l-incident, ir-rikorrenti twiegeb fin-negattiv. Meta mistoqsija jekk intavolatx rapport mal-Pulizija Ezekuttiva twiegeb fin-negattiv.

<u>L-attrici Laura Jane Clark:</u>

Fl-atti xehdet ukoll l-attrici Laura Jane Clark bil-procedura tal-affidavit a fol. 31 *et seq* tal-process. Ix-xhud tghid li hi tigi bint l-attrici Vera Morgan u giet infurmata bl-incident li kellha ommha Vera Morgan minn habiba bl-isem ta' Vere Farrugia peress li missierha Edward Morgan ghandu l-'vascular dementia' u kien f'xokk totali billi kien ra lil martu tkorri u bil-ferita.

Tixhed li hi kienet giet Malta t-Tnejn, 13 ta' Gunju, 2016 ghall-erbat ijiem sabiex tara lil ommha u tkun prezenti ghal missierha. Tinsisti li ommha kienet fi stat ta' xokk wara l-incident, kienet qieghda tinkwieta fuqha nfisha u fuq missierha u ghal dak li kien gara u kif kienet ser tvinci bin-numru ta' turgien li kien hemm fl-appartament. Tispjega li ommha kienet l-'carer' primarju ta' missierha peress li jbati bid-demenzja u jrid jiehu l-pilloli tlett (3)

darbiet kuljum. Tixhed li l-genituri taghha kienu jghixu f'appartament fit-tielet (3) sular li ma kellux access ta' lift kien ghalhekk li kellha tfittex appartament iehor minghajr tarag. Tispjega li waqt li kienet qieghda Malta hi tkellmet mat-tobba u assistenti socjali sabiex ikun hemm kollox lest meta ommha tigi rilaxxata mill-isptar, ukoll mal-carers li jiehu hsieb l-ikel u xtrat l-affarijiet bzonjuzi li kellha bzonn ommha fil-hajja ta' kuljum.

Izzid li tkellmet ma Jonathan Kimber, ir-ragel li ta l-ewwel assistenza lil ommha mal-incident billi anki cempel lill-ambulanza. Tghid li kellmet ukoll lil Paul Thompson li wkoll ra l-ommha mal-incident billi kien fil-bar oppost fejn gara l-incident. Tinsisti li entrambi kkonfermaw li kien hemm materjal mal-art msejjah '*slurry*' li fuqu ommha zelqet u li kien gej minn go garaxx fuq in-naha l-ohra tat-triq bl-isem ta' 'Drifter Car and M'Bike Rentals'.

Izzid li hija kkuntatjat lis-sid ta' Drifter Car Rentals certu John Borg li kien ikkonferma li kien hemm xoghlijiet ghaddejjin fil-fond madanakollu cahad ir-responsabilita' tal-incident:

> '*I later contacted Mr John Borg, owner of Drifter Car Rentals who confirmed that there were works ongoing in the said premises but denied responsability for the accident.*'

Sussegwentement kienet giet ohtha mill-esteru sabiex tassisti fil-kura ta' ommhom u missierhom u sabiex tghin fl-ippakkjar tal-oggetti li kienu fl-appartament sabiex jitrasferixxu ruhhom fl-appartament iehor fil-pjan terran. Tghid ukoll li huha nizel Malta f'zewg okkazzjonijiet ohra sabiex jassisti fil-kura tal-genituri.

Tixhed li hija regghet giet Malta fl-10 ta' Lulju, 2016 ghall-sitt (6) ijiem. Tghid li fil-vista li kellhom ma' Dr Branco hu wera li ma kienx kuntent bil-fejqan tar-rigel u kien ghalhekk li marru fil-'plastics department' fejn evalwaw s-sieq u kkonfermaw li kienet infettata:

*'9. The consultant we saw Dr Branco wasn't happy with the healing of the leg and we had to go to the plastics department, they assessed the leg and confirmed that it had got infected and would need to be debrided (removal of dead, damaged, or infected tissue to improve the healing potential of the remaining healthy tissue).*

*10. They just cleaned the leg and wound to the best of their ability but they had to arranged another operation to do this procedure. She was then admitted to hospital on 5th August 2016 for the operation and further operations and never returned to her apartment due to multiple complications, until she was discharged on 06th March 2017 to travel back to the UK, as explained hereunder.'*

Tinsisti li hi ghamlet diversi vjaggi lejn Malta sabiex tassisti lill-ommha l-attrici Vera Morgan u missierha. F'dawn il-vjaggi hi kienet tiltaqa' ma' tobba fil-plastics ward, kienet f'kuntatt kontinwu ma' Mr Duncan Aquilina u kellha:

*'...very frank discussions with him regarding my Mothers progress and the situation of her bone not healing and the possibility of her actually losing her leg below the knee.'*

Tkompli tixhed li f'Settembru 2016 huma kienu gejjin Malta ghal gheluq snin missierhom li kien ser jaghlaq tmenin (80) sena. Talbu appuntament mat-tim mediku fuq il-kaz ta' ommha. Waqt il-

laqgha gie diskuss mit-tim mediku li kien hemm probabilita' li ommha titlef sieqha u gie ssuggerit li ghal fejqan u l-istat mentali u l-kura kontinwa huwa ahjar li dan isir gewwa l-Ingilterra. F'Novembru, 2016 ommha Vera Morgan giet trasferita fir-rehabilitation unit Karen Grech peress li l-plastic department ma setax jaghmel aktar. Tul dan il-perijodu tispjega li hi kienet f'kuntatt kontinwu ma' Mr Ryan Giordmania. Gew avzati li kien hemm ghazla ohra fejn peress li Malta kellha ftehim mal-'Bone Infection Unit' fi sptar gewwa Oxford ghal kazijiet simili kienu ser jirreferu l-kaz ghand Mr McNally li ghal bidu kien irrifjuta l-kaz. Sussegwentment Mr McNally kien ghamel revizjoni tal-kaz u kien accetta li jaghmel operazzjoni ulterjuri gewwa l-Ingilterra li kienet ser tevita l-amputazzjoni tas-sieq. Dan kellu jkun fi zmien xahrejn u kien ghalhekk li tghid li kellhom jibdew il-proceduri sabiex jiehdu lill-genituri lura l-Ingilterra. Tghid li l-ahhar vjagg taghha kien fis-6 ta' Marzu, 2017 sabiex tassisti lill-ommha tirritorna lura l-Ingilterra.

Izzid li ghalkemm it-trattament fl-Ingilterra jidher li kien ta' success sa tali punt li ommha gabet ftit mobilita' hija xorta ghadha persuna b'dizabilita' u ghandha bzonn ta' 'carer' kostanti maghha peress li:

*'...when she is taken out anywhere as she is wheelchair bound for anything outdoors and she has to use a walking aid in the house.'*

Taghlaq li din l-esperjenza gabet hafna stress, ansjeta' u trawma. Tghid li hi sofriet diversi danni konsegwenza ta' spejjez, vjaggi u sieghat mohlija sabiex titratta din is-sitwazzjoni. Din kienet wahda mill-aghar sitwazzjonijiet ta' hajjitha u hajjithom mhux ha terga' tkun l-istess minn wara l-incident. Ix-xhud prezentat lista tal-

ispejjez li gew minnha nkorsi konsegwenza ta' dan l-incident (fol. 34).

In kontro-ezami a fol. 1047 *et seq* tal-process meta mistoqsija jekk kinitx prezenti ghall-incident li garrbet ommha hija wiegbet fin-negattiv.

Mistoqsija sabiex tikkonferma l-istat ta' sahha ta' ommha u cioe' jekk kinitx tbati minn Diabete type 2, hija tikkonferma u zzid tghid li kellha arterja mizduda. Meta mistoqsija jekk kelliex kundizzjonijiet ohra hija tichad li kellha kundizzjonijiet ohra. Madanakollu meta kkonfrontata b'email datata 16 ta' Marzu, 2017 a fol. 963 tal-process hija tghid li saret taf bil-kundizzjonijiet medici li kienet issofri bihom ommha meta hadet ir-rekords medici minn Malta:

> *'Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok apart from those two things, did she have any other conditions?*
>
> *Witness: No she lead a normal life. She had to look after my dad. She was driving. She would do the ... on a daily base. You know she would control all the money. She had as result of the clotted artery she had a slight incident beforehand and that's what resulted in the findings of the ... the blocked arthery.*
>
> *Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok I think it's in the second volume your Honour. You had sent an e-mail Ms Clark on, you had sent an e-mail to the Occupational Therapist in the UK dated sixteenth (16) March, two thousand and seventeen (2017) which is exhibited at Foglio 962 and 963 of the Court File. I am going to refer specifically to Foglio 963, the last paragraph were you state: My mum's health before the accident was incompromised after she had*

*suffered from Type 2 diabetes for the past twenty five (25) years. She had suffered from TIA's, ..................... renal impairment, hypo thyroidism, fibromalygia, aesteoporosis and is a series of medication for this.*

*Witness: But we didn't know that until I got all the medical records from Malta. So at the time of the accident I did not know that she got renal impairment, hypo thryroidism and fibromalygia because she lived in Malta and she kept a lot back from us so it was only when I got all her medical records from Malta that I've gone through them all and found out that she sufferred from this.*

*Dr Alessia Zammit Mc Keon: Ok however all these conditions pre dated the accident?*

*Witness: Yes she has yes.'*

Meta mistoqsija sabiex tispjega kif ghamlet kuntatt ma' John Borg hija tghid li marret fl-ufficju ta' Drifter fil-Mellieha u hemm hekk tkellmet ma' mara li tatha n-numru tat-telephone ta' John Borg. Cemplitlu u kkonferma li kien hemm xoghlijiet ghaddejjin fil-garaxx. Tikkonferma li huwa kien cahad ir-responsabilita'.

Mistoqsija jekk ghamlitx rapport mal-Pulizija tirrispondi fin-negattiv u tghid li ma hassitx il-bzonn li tintavola rapport mal-Pulizija u hadd ma taha l-parir li taghmel dan.

Mistoqsija dwar l-appartament li l-genituri taghha kienu jghixu fih hija tghid li dan kien mikri u anke l-appartament li marru jghixu fih wara l-incident kien gie mikri.

L-attur Anthony Edwin Morgan:

A fol. 67 *et seq* tal-process xehed l-attur Anthony Edwin Morgan bil-procedura tal-affidavit fejn beda billi qal li Vera Morgan tigi ommu u li kienet involuta f'incident nhar il-11 ta' Gunju, 2016 fil-Mellieha fejn hija zelqet fuq materjal konsistenti f'siment/concrete li kien fejn il-karozza taghha li kienet ipparkeggjata. Jixhed li l-incident irrizulta fi ksur f'sieqa x-xellugija li kkawza ferita sinifikanti fil-gilda taghha. Jispjega li Vere Farrugia kienet giet infurmata minn habiba ta' ommu peress li missieru Edward Morgan kien taht xokk. Jixhed li ommu ddahlet l-isptar fejn l-ghada 12 ta' Gunju, 2016 sar intervent kirurgiku fuqha fejn tpoggewla zewg '*plates*' f'saqajha.

Ix-xhud jaghti deskrizzjoni tal-vjaggi li ghamel hu, kif ukoll hutu, u tax-xoghol li kellu jsir sabiex il-genituri tieghu jigu trasferiti minn appartament ghall-appartament iehor. Brevement jiddeskrivi minn xiex ghaddiet ommu waqt li kienet rikoverata l-isptar hawn Malta.

Finalment jghalaq billi jghid li t-trattament ta' ommu ghadu ghaddej u li dan l-incident kellu mpatt fuq hajjitha u l-benesseri taghha:

> *'My Mum's treatment is still ongoing and I can tell that all this has had a serious impact on her life and her well being. She has lost her independence and all of us have to assist her and take her to Oxford for follow up appointments and treatment. On most occasions this been approx a full 12 hr day with the round trip from Manchester/Oxford, taking time off from work most times.'*

Ix-xhud jezibixxi lista tal-ispejjez relatati mal-ivvjaggar bl-ajruplan a fol. 69 tal-process.

<u>L-attrici Janette Morgan:</u>

Fl-atti xehdet ukoll l-attrici l-ohra Janette Morgan bil-procedura tal-affidavit a fol. 70 *et seq* tal-process. Ix-xhud bhal dawk precedenti ma kinitx prezenti fil-mument tal-incident. Madanakollu hija tat rakkont dettaljat prattikament ta' x'gara minn dakinhar tal-incident sa meta ommha giet trasferita l-Ingilterra b'deskrizzjoni tat-trattament li nghatat hemm hekk. Tirrileva li ghalkemm illum ommha regghet igwadanjat ftit mobilita' fizika xorta baqghet dizabbli:

> *'... She has to have a carer with her at all times when she is taken out anywhere, namely myself Janette, as she is wheelchair bound for anything outdoors and she has to use a walking aids in the house. She has a care system in place here in the UK, as it is necessary to be on hand for such simple tasks as showering, as this can be dangerous to her if she stumbles, she also had to have other aids for the bed and for the toilet. This, as one can imagine can have a large detrimental effect on any person's mental state and well-being, let alone someone the age of my Mother. The seriousness of the accident is evident from the trauma and complications my Mother has experienced, including the extreme amount of time she spent in hospital and rehabilitation in Malta and in the UK. This has had a massive impact on us all.'*

Ix-xhud tindika wkoll permezz ta' lista l-ispejjez li gew minnha nkorsi relatati mat-titjiriet u hotel gewwa Oxford (fol. 72).

In kontro-ezami a fol. 1054 *et seq* tal-process ix-xhud ikkonfermat li meta kienet tigi Malta hija kienet tigi purament sabiex tiehu hsieb lil ommha fl-isptar u lil missierha peress li kien ikun wahdu waqt il-gurnata. Tikkonferma li dwar l-incident kienet qieghda tiehu hsieb ohtha Laura Clark.

<u>Jonathan Kimber:</u>

Fl-atti xehdu wkoll persuni li ghalkemm ma rawx il-mument tal-incident tal-attrici Vera Morgan kienu fuq il-post ftit minuti wara peress li kienu jinsabu f'bar fil-qrib.

Wiehed minn dawn ix-xhieda kien Jonathan Kimber li xehed fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2018 a fol. 48 *et seq* tal-process. Ix-xhud beda billi ndika li l-incident sehh fil-gurnata jew tas-Sibt jew tal-Hadd fil-hinijiet ta' filghaxija. Ma kienx kapaci jindika t-triq li fiha gara l-incident madanakollu ndika l-ismijiet ta' hwienet u ristoranti fil-vicinanza tal-post tal-incident bhala dawk ta' 'Crosskeys', 'Reflections' u 'Drifter'.

Meta mistoqsi jekk kienx prezenti ghall-incident huwa jghid li ma rax l-incident isehh peress li kien fil-bar 'Reflections' pero' jiddeskrivi l-avveniment bhala li sema' l-ghajjat u mar jaghti l-ghajnuna u sab mara mal-art bi ksur ikrah f'sieqha. Jindika x-xena li sab kif isegwi:

> *'Witness: I did not see the actual accident happen. I was in Reflections, I was in my first ... there and then I heard a scream, I went to see if I could be of an assistance and to find an ... woman on the pavement with quite a horrific break to her leg, the bone was spoken out of her leg. So I calmed her down, I sat behind her, I got*

*someone else to call the ambulance, some other people came across, I just kept her calm.'*

Meta mistoqsi x'innota? Huwa jwiegeb li nnota l-materjal li l-mara zelqet fih u ddeskrivih bhala *'slurry which was from either washing down a concrete or from the concrete track itself.'*, u meta mistoqsi dwar minn fejn kien gej il-materjal huwa wiegeb:

*'Witness : Yes I took pictures from the Drifter's ramp and you could see the pictures I sent the lady coming down across the ramp of Drifter's and then accumulating in the corner of the disable parking near where the drain is but it's not coming down to where the drain is.'*

Ix-xhud gie muri r-ritratti li ndika li hadhom l-ghada tal-incident b'mod partikolari dak a fol. 6 tal-process li juri l-post fejn gara l-incident u z-zelqa u kkonferma li dak ir-ritratt gie mehud minnu. Ix-xhud iddeskriva dak li kien jidher fir-ritratt bhala s-segwenti:

*'Witness: This was the concrete slurry that she actually slipped on. The slip you could see it there and when the ambulance came we had to warn them and advice them not to stand down there because they got ... some on their shoes as well.'*

In kontro-ezami li sar fl-istess seduta x-xhud rega' kkonferma li huwa ma rax l-incident tal-attrici Vera Morgan, madanakollu jinsisti li ghalkemm ma rax l-incident huwa seta jikkonferma li kien hemm l-materjal ta' siment fuq iz-zarbun taghha u z-zelqa kienet tidher fl-istess materjal.

Mistoqsi jekk kinitx l-ewwel okkazzjoni li huwa ltaqa' mal-attrici Vera Morgan iwiegeb:

*'I might have seen her around in Mellieha when I used to live there but not as a friend or anything like that.'.*

Ix-xhud jikkonferma li l-attrici kienet qieghda fir-ristorant 'Cross Keys' fil-Mellieha li jigi mal-kantuniera tat-triq principali.

Mistoqsi jekk 'Drifter' kienx miftuh, ix-xhud jikkonferma li kien miftuh pero' ma kinux interessati x'kien qieghed jigri. Jichad li kien qed isir xoghol pero' jindika li fuq il-post kien hemm 'traffic cones' u 'tape' li jdur mal-'cones'. Jikkonferma li kien hemm haddiema l'isfel mill-'cones' pero' x-xhud ma kkonfermax min kienu dawn il-haddiema (fol. 54). Jghid li huwa mar ikellimhom u staqsa ghall-imghallem u nfurmawh li l-imghallem ma kienx hemm.

Meta mitlub jiddeskrivi l-posizzjoni li sab lill-attrici meta mar itiha l-ewwel ghajnuna jwiegeb:

*'Dr. Alessia Zammit McKeon : No I want to know where you found her.*

*Witness : On the pavement but her leg was over the pavement slightly. Her husband was this side of the car and he eventually came round, I actually went to her before her husband.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : So her legs were on the road?*

*Witness : Not all of it so imagine this is the pavement, that part of her leg ...*

*Court : It's useless for transcription purposes. You have to explain it graphically.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : So her body was on the pavement.*

*Witness : Yes.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Then there was part of her foot if I am understating correctly ...*

*Witness : All of her body was not on the pavement.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : So what part of the body was in the pavement?*

*Witness : The upper torso, the upper part of her leg to about mid way pas the knee.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Was on the pavement.*

*Witness: Yes.'*

<u>Paul Thompson:</u>

Xehed ukoll Paul Thompson fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2018 a fol. 59 *et seq* tal-process, li bhax-xhud precedenti kien fil-bar 'Reflections'. Ix-xhud jaghti deskrizzjoni tat-triq li fiha l-attrici Vera Morgan kellha l-incident. Jikkonferma li huwa ma kienx prezenti fil-mument tal-incident, madanakollu jaghti deskrizzjoni cara ta' x'kien hemm fil-parti fejn zelqet l-attrici Vera Morgan ftit minuti wara l-incident:

*'Dr Nikol Caruana : So can you describe what you saw?*

*Witness : ... the incident we were at an establishement, drifter garage, next to my wife, we saw the blue lights outside for the ambulance and my wife and I what was going on to see if someone was injured. At that time Vera Morgan was laying on the floor just about being lifted into an ambulance after slipping on the ...*

*Dr. Nikol Caruana : How can you tell that she slipped on the ...?*

*Witness : She was lying in the ...*

*...*

*Witness : She was lying down in a ... of cement.*

*Dr. Nikol Caruana : Do you know where the ... was coming from?*

*Witness : From the entrance to Drifter Garage because it has been recently excavated and changed and they had widened the garage entrance and it was brand new clean cement.'*

Meta mistoqsi kif jaf li saru modifiki fil-garage, ix-xhud wiegeb:

*'Witness : I saw them two days before when they took some of the existing concrete and excavated the pavement. There was a huge hole for about two days. They changed the ... of the ramp which goes in and out of the establishement and they made it with new cement.'*

Ix-xhud jghid li huma kienu konoxxenti tal-attrici Vera Morgan ghalkemm ma kinux hbieb tal-qalb. Jghid li huwa kien jaf li hija kienet tbati bid-dijabete u li kellha problema fir-rikoveru minhabba l-fatt li kienet dijabetika.

In kontro-ezami a fol. 62 *et seq* tal-process jikkonferma li huwa ma rax il-mument tal-incident isehh, madanakollu seta' jinnota li kien hemm zelqa:

> *'Dr. Alessia Zammit Mc Keon : If I understand correctly you did not see the incident in question occur.*
>
> *Witness : I did not see the fall.*
>
> *Dr. Alessia Zammit Mc Keon : So you have no idea how Ms. Morgan actually fell correct?*
>
> *Witness : There was a slip.'*

<u>Pauline Tonna:</u>

L-atturi ressqu wkoll bhala xhud lil Pauline Tonna li xehdet fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2018 a fol. 80 *et seq* tal-process. Ix-xhud tghid li huma kienu gol-bar 'Reflections', hemm hekk raw l-ambulanza u hija gharfet lill-attrici Vera Morgan li kienet qieghda fuq l-istreccer u marret tkellimha. Ix-xhud tikkonferma li hija ma ratx l-incident madanakollu Vera Morgan waqt li kienet fuq l-istreccer qaltilha x'kien gralha. Meta mistoqsija jekk ivverifikatx dak li kienet qaltilha Vera Morgan hija wiegbet fl-affermattiv fejn qalet illi:

> 'Witness : I have seen the slurry yes.'

In kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li ilha taf lill-attrici Vera Morgan ghal numru ta' snin peress li:

*'It's an English community there so we all know each other.'*

Mistoqsija in kontro-ezami a fol. 88 dwar il-materjal li fuqu zelqet l-attrici u minn fejn kien gej hija wiegbet:

*'Dr. Alessia Zammit McKeon : You said that you saw the slurry.*

*Witness : Yes.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Where was the slurry?*

*Witness : It was coming from Drifter. Coming across the road from Reflections around the bend where Vera was and it was going down towards Crosskeys because the way the road was crossing the middle of the road and going down the side of Crosskeys.*

*...*
*Dr. Alessia Zammit McKeon : There was something different that you saw at that point in time?*

*Witness : I did not really look at there, I just looked from where the slurry was coming from because that was what Vera said to me.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : But a slurry doesn't come from nowhere, it comes from something. So you did not determine at that point in time where it was coming from, what was causing the slurry.*

*Witness : It came down the slope, from Drifter. I had seen it coming down. There was like a slope in front of Drifter. Like a ramp and it was coming ...*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : A dry ramp correct?*

*Witness : Actually I don't remember whether they were doing it, if that is what they were doing at the time. I am not sure.'*.

Mistoqsija jekk tkellmitx mal-Pulizija dwar l-incident hija cahdet li ghamlet dan.

<u>Mr. Ryan Giordmaina:</u>

A fol. 98 *et seq* tal-process xehed ukoll Mr Ryan Giordmaina – konsulent ortopediku fl-Ortopedija, Mater Dei Hospital fil-qasam tal-ghadam u trauma.

Ix-xhud jispjega li l-attrici Vera Morgan iddahlet l-isptar fil-11 ta' Gunju, 2016 fejn sofriet ksur tar-riglejn ix-xellugija li kien ksur miftuh (open fracture). Huwa jghid li dak iz-zmien kien is-senior registrar li kien jiehu hsieb it-team mediku taghha taht il-konsulent Ray Gatt:

*'Xhud : L-injuries kienu grievous by nature. L-effett kien li kellha ksur b'ferita miftuha fuq il-lokal tal-ksur, ferita ta' 4 X 2 cm fuq il-qasam tal-medial aspect tar-riglejn ix-xellugija.'*

Jindika l-interventi medici li saru lill-attrici u l-kumplikazzjonijiet li ltaqghet maghhom bhala s-segwenti:

*'Xhud : L-ghada din il-pazjenta giet operata, kellha open reduction internal fixation jigifieri sewwewlwa l-ksur u ghamlulha l-plate with screws u wara l-operazzjoni giet rikurata fis-sala, inghatat antibiotics wara l-operazzjoni, terapija, giet licenzjata fl-24 ta' Gunju, madwar sitt gimghat wara regghet iddahhlet l-isptar fil- ta'*

*Awwissu 2016 issofri minn wound dehiscence u infection fil-ferita taghha b'infezzjoni li jasal sa gewwa, deep infection.*

*Dr. Nikol Caruana : Din l-infezzjoni jew din il-kumplikazzjoni kienet direttament relatata ma' dan il-korriment?*

*...*

*Qorti : Ma xiex kienet kompatibbli dik il-ferita?*

*Xhud : Il-ferita kienet parti mill-incision ta' l-iscar tas-surgery, il-gilda ta' fuqha li kienet vicin il-qasma li kellha waqt l-incident ta' l-open fracture laceration.*

*Dr. Nikol Caruana : Tghidilna jekk kienx hemm xi kumplikazzjonijiet ulterjuri?*

*Xhud : Oltre minn hekk, il-hadid kellhu bzonn jitnehha izjed tard fi procedura ohra, kellhu bzonn jitnaddfilha l-ghadam u l-ferita. Meta tnehhilha l-hadid kienet giet moghtiha external fixation frame minn barra u gew involuti kollegi tal-plastic surgery wkoll biex jghattu, biex inaddfu l-feriti u jghattu l-gilda, id-difett tal-gilda li hemm. Hi baqghet f'dik is-seduta mnill-5 ta' Awwissu baqghet gos-sala ghal perijodu ta' zmien u giet trasferita wara fi sptar iehor Karen Grech Hospital. Waqt dik is-seduta taghha f'Awwissu kienet giet inghatata antibiotics, trattata mill-plastic surgeons li mmedikawla l-ferita u tnizzlet darbtejn ohra fis-sala operattiva biex jitrangalha l-frame, l-external fixator li ghandha.'*

Ix-xhud esebixxa l-'case summaries' tat-tlett (3) 'admissions' li kellha l-attrici b'dawn ikunu:

(i) l-'admission' originali tal-11 ta' Gunju, 2016 sal-24 ta' Gunju, 2016 (ara case summary a fol. 105 *et seq* tal-process);
(ii) regghet iddahlet fil-5 ta' Awwissu, 2016 u damet bejn l-isptar Mater Dei u Karen Grech sat-3 ta' Novembru, 2016 (ara case summary a fol. 108 *et seq* tal-process);
(iii) dahlet ukoll fit-3 ta' Frar, 2017 sas-6 ta' Marzu, 2017 (ara case summary a fol. 120 *et seq* tal-process).

Mistoqsi jekk eventwalment il-kura li nghatat irnexxietx? Wiegeb:

> *'Xhud : Le eventwalment minkejja li tnehhilha l-hadid, minkejja li kellha diversi operazzjonijiet, minkejja li kellha external fixation li imbaghad tnehha u saritilha gibs. Minkejja dan kollu giet diagnosed with a deep infection, ostiomailiatis, infection fl-ghadma u minkejja li tajniha hafna antibiotics u tnaddfilha l-ksur, xorta baqa' persistenti. Ikkonsultajna ma' Orthopaedic Centre f'Oxford, referral centre fl-Ingilterra u ssugerewlna li isirilha procedura hemmhekk. Hi peress li hi Ingliza u l-familja taghha Ingliza xtaqet li tkompli l-kura l-Ingilterra wkoll u ahna rreferejniha fl-Orthopaedic Centre Oxford li anka kuntatt dirett maghhom, specialist case referrals u l-pjan kien li fl-ahhar seduta li ddahlet l-isptar giet trasferita b'air ambulance ghall-Ingilterra ghal aktar kura hemmhekk.'*

Meta mistoqsi jekk minn natura tal-'injury; hijiex kompatibbli ma '*fall*', ix-xhud wiegeb:

> *'Xhud : Jiddependi fuq l-age, l-ghadam ta' dak il-pazjent, hija kompatibbli ma' fall nista' nikkonferma hemmhekk iva.'*

In kontro-ezami a fol. 102 *et seq* tal-process ix-xhud gie mistoqsi fid-dettal dwar il-kawza tad-'deep infection' u wiegeb:

*'Xhud : Il-kawza ta' deep infection tista' tkun varja. Jiddependi. Tista' tkun minhabba l-open fracture laceration li jkollha li hija high risk, il-gilda wkoll, is-soft tissues u l-gilda tal-pazjenta u l-istat ta' cirkulazzjoni tas-sieq li tkun ukoll.*
*Dr Alessia Zammit Mckeon : Jigifieri nifhem tajjeb li d-deep infection li semmejt u li jidher li sofriet is-sinjura Morgan mhiex rizultat dirett tal-waqa' pero hija jekk nistghu nsejhuha side effect tal-griehi li hi sofriet.*

*Xhud : Jista' jkun komplikazzjoni tal-griehi li sofriet.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Mill-case summary li ghadek kif prezentajt, hemm innotat li Ms. Morgan meta dahlet l-isptar kellha l-eta ta' 73 sena. Fil-case summaries sussegwenti li s-sinjura Morgan tbaghti mill-kundizzjoni ta' diabetes u kienet fuq l-insulina.*

*Xhud : Iva.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Dawn iz-zewg fatturi, kombinat ukoll mal-kawza tad-deep infection li ghadek kemm spjegajt, kif jikkombacaw mal-possibilita' ta' pazjent li jbaghti minn jew ikollu rikorrenza ta' deep infection?*

*Xhud : Izidu r-riskji.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Kemm izidu r-riskji jigifieri huma fatturi sekondarji jew huma fatturi ...*

*Xhud : Ma nafx nikkwantifika l-ammont.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Persuna li tbaghti minn diabetes b'mod generali, napprezza li inti mhux espert ta' diabetes, meta ikollhu ferita tipikament l-mod kif tfieq din il-ferita meta tqabbilha ma' persuna li m'ghandux diabetes, kif, il-hin kif jitqabbel?*

*Xhud : Il-hin jista' jdum izjed biex ifieq.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : U l-fatt li s-sinjura kellha 73 sena? Again fir-rigward tal-fejqan tal-ferita.*

*Xhud : Ma nistax nikkwantifika bhala age. Nikkumenta fuq il-general status taghha.*

*Dr. Alessia Zammit McKeon : Pero int semmejt meta jien staqsejtek fuq il-kawza ta' deep infection, inti ghidt li l-kundizzjoni kemm ta' l-ghadam jekk fhimt tajjeb u kif ukoll tal-gilda, jistghu jaggravaw jew jikkawzaw deep infection. F'dan il-kaz partikolari peress li inti ezaminajt il-pazjenta, x'tghidilna dwar il-kundizzjoni ta' l-ghadam taghha u l-kundizzjoni tal-gilda taghha u jekk dawn filfatt kinux fatturi li setghu ikkawzaw din id-deep infection jew wasslu ghal deep infection rather than ikkawzaw.*

*Xhud : Fuq il-kaz ta' l-ghadam taghha ma nistax nikkumenta, illi l-istat ta' l-ghadam taghha jirrizulta iktar cans ghal deep infection. Il-fatt li kellha l-ferita miftuha, ikkumentata fuq il-case summary fuq id-discharge letter, hija relatata ma possibilita' ta' deep infection. ... tal-gilda taghha minhabba t-tip ta' ksur taghha fid-distil taghha minhabba lil-gilda hija rqieqa hemmhekk, iktar possibbli li jista' jzied ir-riskju ta' deep infection fil-post tal-ksur fejn qieghda.'*

Doris Vella Cassia – rapprezentanta Sptar Mater Dei:

L-atturi tellghu bhala xhud lir-rapprezentant ta' l-Isptar Mater Dei certa Doris Vella Cassia li fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2019 a fol. 137A ipprezentat kopja tal-file mediku tal-attrici Vera Morgan (Dokument residenzjali numru 22314A) mis-sena 2016 il'quddiem (ara file mediku a fol. 138 *et seq* tal-process).

John Borg – Direttur tal-kumpanija Drifter Rentals Company Limited:

L-intimati ressqu l-affidavit ta' John Borg a fol. 1069 *et seq* tal-process. Ix-xhud jibda billi jghid li huwa direttur tal-kumpanija Drifter Rentals Company Limited li toffri servizzi relatati mal-kiri tal-vetturi. Jghid li l-ufficini tal-kumpanija jinsabu fi Triq Gorg Borg Olivier fil-Mellieha, filwaqt li l-garaxx li fih jinzammu l-vetturi jinsab fi Triq is-Salib, fil-Mellieha stess. Huwa jghid li dawn il-fondi huma tal-kumpanija u huwa personali m'ghandu l-ebda konnessjoni mal-istess. Jinsisti li anke fir-rigward l-operazzjoni tan-negozju dan huwa gestit mill-kumpanija u mhux gestit minnu personalment.

L-intimat jixhed li gimgha qabel l-allegat incident il-kumpanija Drifter Rentals Company Limited kienet ingaggat kuntrattur certu Marco kunjomu mhux maghruf sabiex ikisser il-pavimentar tal-concrete fil-garage ta' Triq is-Salib sabiex tizdied il-*headroom* peress li l-kumpanija kienet xtrat coach. Jghid li dan ix-xoghol dam madwar tlett (3) ijiem. Ikompli illi sussegwentement fil-11 ta' Gunju, 2016 il-Kumpanija qabdet kuntrattur iehor certu Ryan Muscat sabiex jissupplixxi l-*concrete mixer* u jaghti l-wicc tal-konkos kemm fuq gewwa tal-garage kif ukoll ir-rampa ta' barra. Jghid li dakinhar kienet '...*gurnata tipikament sajfija, gurnata shuna u*

*xemxija.'* Jiddeskrivi kif sar ix-xoghol ghal-habta tal-hdax ta' filghodu (11.00a.m.) kif isegwi:

> *'6. Niftakar illi, hekk kif wasal il-mixer, dan ipparkja fuq in-naha taghna tal-garaxx, fejn irriversja sabiex posizzjona ruhu fuq ir-rampa. Il-haddiema bdew jbattlu l-konkos minn gol-mixer; bdew jahdmu fuq gewwa u hallew ir-rampa ghall-ahhar.*
>
> *7. Hekk kif lesta x-xoghol fuq gewwa, sabiex ikunu jistghu jaghmlu r-rampa, hargu l-mixer minn gol-garaxx u pparkjawh fuq barra, fuq in-naha taghna, sabiex ilestu x-xoghol.'*

Ikompli jixhed li malli l-kuntrattur heles ix-xoghol hu flimkien ma' certu Andrea Anderson naddfu t-triq. Jispjega li kif jigri solitament kien waqa xi ftit konkos fil-vicinanzi tal-bokka tal-garaxx tal-kumpanija, ma' genb il-bankina fejn kien hemm ir-rampa u sahaq li huma l-ewwel gabru l-fdal u wara haslu dik il-parti tat-triq man-naha taghhom. Ix-xhud jinsisti li faccata tat-triq ma kien hemm l-ebda attivita` min-naha taghhom.

Jichad kategorikament li xi ilma jew konkos skula mill-garage tal-kumpanija ghal dik il-parti tat-triq. Qal kif isegwi:

> *'Nichad kategorikament illi xi ilma jew konkos seta' skula mill-garage tal-kumpanija ghal dik il-parti tat-triq. Nerga' nsostni li l-fdal kien minimu u kien lokalizzat lejn il-bokka tal-garage taghna. Bizzejjed jinghad li l-wisa' tat-triq hija ta' madwar wisa' ta' erba' jew hames karozzi.'*

John Borg ikompli jixhed li wara li naddfu l-post u kollox kien nixef ghaliex jghid li kienet gurnata shuna, ghamlu speci ta' tape sabiex in-nies ma jirfsux fuq il-konkos li kien ghadu frisk. Jghid li

kien ta struzzjonijiet sabiex il-bieb tal-garaxx jithalla miftuh sabiex il-konkos jinxef. Jghid li meta telaq minn fuq il-post kollox kien normali u ma kien hemm assolutament xejn fit-triq.

Izid jghid li hekk ghal habta ta' nofs il-lejl kien ircieva telefonata minghand wiehed mill-impjegati tieghu fejn kien infurmah li kien hemm mara li waqghet fuq in-naha l-ohra tat-triq, aktar l'isfel mill-garaxx u kien hemm xi hadd li kien fil-bar 'Reflections' qallu li l-mara li waqghet donna kienet qieghda twahhal fix-xoghlijiet li kienu saru. Jghid li xi gimgha wara kienet marret l-ufficju certa Laura Clark li ntroduciet ruhha bhala bint il-persuna li waqghet u kienet infurmatu li qed izzommu responsabbli ghall-akkadut. Hu jghid li cahad l-allegazzjonijiet u spjegalha li x-xoghlijiet saru filghodu u fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jghid li wara ftit zmien kien ircieva ittra li waslet ghal dawn il-proceduri.

In kontro-ezami a fol. 1109 *et seq* tal-process jghid li l-kuntratturi Marco kunjomu mhux maghruf u Ryan Muscat kienu gew imqabbda u mhallsa minn Drifter Company Limited.

Mistoqsi dwar jekk wara li tlestew ix-xoghlijiet haslux il-vann quddiem il-garage, ix-xhud iwiegeb:

> *'Xhud : Le hu l-garage, knisna ahna bhal ma kull darba jigri, jaqa' dik it-taqtira fl-art, knisna u msahnih bl-ilma that's all u dan fis-Sajf fil-hdax ta' filghodu kien.*
>
> *Dr. Nikol Caruana : Imma jien qed nistaqsik, dawn kellhom trakk hux hekk, ir-ready mix? Kien hemm is-siment u concrete ghaddej sewwa?*
>
> *Xhud : Iva.*

*Dr. Nikol Caruana : Jien li qed nissugerilek jien hu x'hin lestew dawn ix-xoghlijiet naqblu li intom jew il-haddiema, f'dan il-kaz il-kuntratturi, hsiltu dan it-trakk hemmhekk stess quddiem il-garage?*

*Xhud : Le mhux it-trakk.*

*Dr. Nikol Caruana : Jigifieri qed tghidli li t-trakk saq kif inhu bic-caflis mar-roti u l-bokka etc?*

*Xhud : Iva imbaghad saq ma nafx fejn hasel. Ahna li ghamilna naddafna dik in-naqra li kien hemm fit-triq.*

*Dr. Nikol Caruana : It-trakk tnaddaf hemmhekk iva jew le?*

*Xhud : Iva nahseb imma jekk naddfu hu naddfu t-trakk mhux jien.*

*Qorti : Id-domanda tieghek ghidtlu intom naddaftu t-trakk? Tinkludi lilu wkoll.*

*Dr. Nikol Caruana : Tajjeb mela naddfuh il-kuntratturi u naddfuh quddiem il-garage ta' Drifter naqblu?*

*Xhud : 'l Fuq imma ghax hu saq ghax kien qed jaghlaq it-triq allura saq 'l fuq. Mhux quddiem il-garage, 'l fuq, quite a bit 'l fuq.*

*Qorti : 'L fuq fit-tela'?*

*Xhud : Zewg bibien 'l fuq minnha jigifieri.'*

Ix-xhud gie mistoqsi jekk jaqbilx li l-ghada tal-incident kien ghad hemm it-ticlis jidher mal-art proprju mill-garaxx tad-'Drifter'

ghan-naha l-ohra tat-triq u jwiegeb li ma jiftakarx li kien hemm ilma u ticlis. Jishaq li ma seta' jara xejn vizibbli. Mistoqsi jekk rax id-demm li kien hemm mal-art? Ix-xhud iwiegeb:

*'Xhud : Jien quddiem il-garage ma mortx in-naha l-ohra tat-triq fejn qed tassumi li waqghet, ma mortx hemm isfel ghax it is quite a distance.*

*Dr. Nikol Caruana : Quite a distance f'liema sens? Ghandna ritratti li ma jurux quite a distance.*

*Xhud : Il-garage qieghed hawn u hi waqghet across the road in-naha l-ohra tal-playing field.*

*Qorti : Qed tghid it-tul ta' l-Awla?*

*Xhud : Iktar nahseb. Ftit iktar.'*

In ri-ezami x-xhud gie muri ritratt mmarkat DF 2 a fol. 1101 fejn intalab jaghmel b'sinjal ta' vlegga fejn saru x-xoghlijiet u x-xhud indika bi vlegga mill-parti ta' gewwa sa barra fejn saru x-xoghlijiet li tinkludi r-rampa li tigi parti fil-bankina. Gie mitlub ukoll jindika fir-ritratt JK1 a fol. 1092 fejn kien pozizzjonat it-trakk meta gie biex inaddfu liema xhud indika l-post fejn fir-ritratt tidher ipparkeggjata van bajda. Meta mistoqsi dwar kif sar it-tindif tat-trakk huwa qal is-segwenti:

*'Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Meta tnaddaf dan ir-ready mix, tispjegalna kif tnaddaf u wara li tnaddaf x'kien hemm fit-triq?*

*Xhud : Huma normalment jaghtuh naqra ilma ...*

*Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Le mhux normalment John. X'gara dakinhar.*

*Xhud : Beda jahslu imbaghad ...*

*Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Bl-ilma jigifieri?*

*Xhud : Iva. Imbaghad kien hemm naqra residues fl-art quddiem il-garage taghna fejn hemm, quddiem il-garage taghna fejn hemm ir-rampa ezatt u gbarna naqra l-konkos left over li jaqa' normalment wara li taghti l-konkos u hallejna l-post nadif tazza ahna as far as I know.*

*Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Jekk qed nifhem tajjeb it-trakk tnaddaf jigifieri ma kellhux ticlis etc fil-posizzjoni li int immarkajt bl-X ...*

*Xhud : Approximately yes.*

*Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Kif telaq it-trakk intom naddaftu dak li kien hemmm dak li kien hemm fit-triq ...*

*Xhud : Kwalunkwe kollox iva knisna.*

*Dr. Alessia Zammit Mc Keon : U wara li naddaftu s-sitwazzjoni tat-triq kif kienet?*

*Xhud : Jien ghalija kienet nadifa, normali.*

*Dr. Alessia Zammit Mc Keon : Jigifieri jekk nistaqsik ghal deskrizzjoni tat-triq x'kellha t-triq fiha wara li intom naddafru?*

*Xhud : Dakinhar kienet gurnata vera shana, kien hemm heat wave, ahna lestejna filghodu u hallejniha dry as far as I know u gbarna kull residuals li kien hemm fl-art u hallejniha nadifa tazza.'*

Andrea Anderson:

L-intimati ressqu wkoll bhala xhud lil Andrea Anderson li xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 1004 tal-process. Ix-xhud jghid li huwa kien impjegat mal-kumpanija 'Drifter Car Rentals Company Limited' mis-sena 2013 sa madwar is-sena 2017 bhala mekkanik gol-garaxx ta' Triq is-Salib. Huwa jghid li peress li kien ikun fil-garaxx huwa gie nvolut fix-xoghlijiet sabiex jinghata l-konkos ghalkemm ma kienx involut fix-xoghol sabiex titbaxxa l-art tal-garaxx. Ix-xhud jaghti deskrizzjoni ta' kif saru x-xoghlijiet u qal li meta nheles ix-xoghol ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11 am) Muscat telaq minn fuq il-post. Dwar it-tindif li sar wara huwa qal illi:

*'Bqajna fuq il-post jiena u John Borg sabiex innadfu il-post fejn sar ix-xoghol u cioe' mal-bankina tan-naha tal-garaxx tal-kumpanija u tahta. Niftakar li kont ghamilt ukoll xi cones sabiex in-nies ma jirfsux fuq il-konkos imxarrab. Ahna hsilna bl-ilma u meta lestejna il-post kien nadif tazza.'*

Jikkonkludi billi jghid li huwa telaq minn fuq il-post ghal xi nofsinhar (12pm) u kemm it-triq u l-konkos kienu nexfin minhabba s-shana kbira li kienet dakinhar.

Ryan Muscat:

L-intimati ressqu x-xhieda tal-kuntrattur Ryan Muscat li xehed permezz ta' affidavit a fol. 1105 tal-process. Sostna li hu jahdem

fis-settur tal-kostruzzjoni u dan jaghmlu ghal rasu. Jghid li xi tlett (3) snin qabel huwa kien gie mitlub sabiex jaghmel rampa fil-garaxx ta' 'Drifter Car Rentals Company Limited' li hemm fi Triq is-Salib fil-Mellieha.

Jghid li mieghu kien hemm John Borg, Andrea Anderson u haddiem iehor li kien jaghmel id-'drains' certu Charles Sciberras. Ix-xhud fid-deposizzjoni tieghu ta' deskrizzjoni ta' fiex kien jikkonsisti x-xoghol tieghu u cioe' fit-twittiegh tal-konkos:

> *'5. Il-parti l-kbira tax-xoghol kien gol-garaxx peress li kelli nwitti l-konkos fuq gewwa; dan ghaliex il-livell tal-garaxx kien diga' tbaxxa u r-rampa kienet diga' giet iffurmata bit-terrapin. Jiena xogholi ghalhekk kien li naghmel il-wicc tal-konkos bhala surface. Fuq il-parti ta' barra, kull ma ghamilt kien li tfajt madwar zewg purzieri konkos fuq il-bankina; dan peress illi din kienet tkissret bix-xoghol. Ir-rampa ma gietx estiza il-barra mill-bankina u dan ghaliex hija flash mal-wicc tat-triq.'*

Ix-xhud jaghlaq li meta heles ix-xoghol huwa dahhal ir-riegla u l-karretta gol-vann u telaq.

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata u l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' John Borg bhala Direttur ta' Drifter Car Rentals Company Limited:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom iz-zewg intimati jeccepixxu li r-rikorrenti Dr Andre' Borg bhala mandatarju specjali tar-rikorrenti Vera Morgan ghandu jressaq prova tal-mandat specjali moghti lilu akkumpanjat minn raguni legittima skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi permezz tan-nota ntavolata nhar l-24 ta' Settembru, 2018 ir-rikorrenti Dr Andre' Borg intavola kopja awtentika tal-prokura specjali moghtija nhar it-18 ta' Settembru, 2018 mir-rikorrenti kollha favur l-istess Dr Andre' Borg liema prokura giet immarkata bhala Dok VMP a fol. 35 *et seq* tal-process.

L-intimati jeccepixxu li apparti prova tal-mandat specjali, trid titressaq ukoll raguni legittima skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra kif isegwi:

> '1866. Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat.'

Mill-atti jirrizulta li l-attrici Vera Morgan kienet ilha tghix Malta ghal sbatax-il (17) sena. Konsegwenza tal-incident li sofriet hija kellha tirripatrija ruhha gewwa l-Ingilterra ghall-kura u trattament necessarju. Di fatti sabiex sar il-kontro-ezami taghha kellhom isiru arrangamenti bil-ghan li la darba r-rikorrenti taghmel it-tragitt lejn Malta dan iservi wkoll sabiex tigi ezaminata mill-espert mediku appuntat mill-Qorti Mr Frederick Zammit Maempel (ara rikors a fol. 1025 tal-process). Il-fatt li r-rikorrenti ma tghix Malta gie wkoll ikkonfermat mir-rikorrenti Laura Jane Clark (fol. 31), Anthony

Morgan (fol. 67), u Janette Morgan (fol. 70). Gie wkoll ikkonfermat mill-konsulent ortopediku Mr Ryan Giordimaina li fid-deposizzjoni tieghu a fol. 98 *et seq* tal-process ikkonferma li

> *'...f'ahhar seduta li ddahlet l-isptar giet trasferita b'air ambulance ghall-Ingilterra ghal aktar kura hemmhekk.'*

Illi kkunsidrat dan kollu l-Qorti tqis li l-fatt li l-attrici Vera Morgan kellha tallontana ruhha minn Malta minhabba fost affarijiet ohra kura u trattament hija raguni legittima u valida sabiex hija tqabbad mandatarju li jidher flokha.

Dan premess, l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jittentaw jargumentaw ulterjorment li peress li l-kawza giet intavolata nhar l-1 ta' Awwissu, 2018 u l-prokura nghatat lil Dr Andre' Borg fit-18 ta' Settembru, 2018 isegwi li prova tal-mandat li kellu l-mandatarju, meta effettivament gew intavolati l-imsemmija proceduri ma ngabitx, u ghalhekk il-procedura ghandha tigi dikjarata nulla.

Illi l-Qorti tinnota li hu minnu li d-data tal-prokura specjali hija datata wara l-intavolar tal-kawza, madanakollu dan ma jfissirx li prova tal-mandat ma ngabitx. Dan qieghed jinghad peress li mandat jista' jkun anke wiehed verbali. Hekk inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Giovanna Saliba pro et noe -vs- Adrian Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha nhar id-19 ta' Novembru, 2010 fejn inghad illi:

> *'Skond l-Artikolu 1856 tal-Kodici Civili "Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.". L-attrici kkonfermat li hutha kollha jaqblu li ssir din il-kawza. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010*

*qalet: "L-atturi l-ohra huma huti. Huti Victoria Mifsud, Francis Saliba u John Saliba jghixu l-Awstralja. Bernardette Mifsud, ohti, tghix Hal Qorti, Malta." (fol. 31). Ipprezentat ukoll ittra datata 24 ta' April 2009 u li ntbaghatet lilha minn ditta ta' avukati fl-Awstralja ghan-nom ta' hutha John Saliba, Frank Saliba u Victoria Mifsud li jghixu fl-Awstralja (fol. 33). Fiha jinghad "What our clients now want to do is to reclaim Ta Kaccaturi for the family and to have their ownership of the property recorded as soon as possible. It might be in the best interests of the family if you consult a solicitor in Malta and make sure that this action is taken.". Minn dan il-kliem hu evidenti li l-ahwa li jghixu barra minn Malta, kienu qeghdin jaghtu l-awtorizazzjoni lil Giovanna Saliba sabiex tipprezenta kawza ghan-nom taghhom biex il-konvenut jigi zgumbrat mill-art.*

*Sabiex persuna tipprezenta kawza ghan-nom ta' persuna ohra li tkun assenti minn Malta u biex tidher fil-kawza f'isem dik il-persuna, il-mandat m'hemmx ghalfejn ikun bil miktub. Mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm jew ukoll tacitament sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni specjali ohra tal-ligi (Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili). F'dan ir-rigward ma jirrizultax li hemm xi disposizzjoni tal-ligi li espressament tghid li l-mandat f'cirkostanzi bhal dawk attwali, irid jinghata bil-miktub.'*

Jirrizulta li l-attrici Vera Morgan fl-ebda waqt ma cahdet li hija tat l-awtorita' lill-mandatarju Dr Andre' Borg sabiex jistitwixxi l-proceduri odjerni, pjuttost l-attrici Vera Morgan irratifikat l-istess mandat meta tat il-prokura specjali datata 18 ta' Settembru, 2018.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata u t-tieni eccezzjoni preliminari ta' John Borg bhala Direttur tas-socjeta' Drifter Car Rentals Company Limited:</u>**

<u>It-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata:</u>

Permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari, s-socjeta' intimata 'Drifter Car Rentals Company Limited' eccepiet li t-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Jirrizulta li r-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan permezz tal-kawza odjerna lkoll talbu li jigu likwidati u mhallsa d-danni sofferti minnhom. Bhala danni r-rikorrenti Laura Clark titlob is-somma ta' £1626.35 u €181.46 u tipprezenta lista annessa mal-affidavit taghha fiex jikkonsistu dawn l-ammonti a fol. 34 tal-process. Ir-rikorrenti Anthony Morgan u Janette Morgan jipprezentaw ukoll lista simili inkluza mal-affidavits taghhom a fol. 69 u fol. 72 tal-process rispettivament. Filwaqt li Anthony Morgan jitlob l-ammont ta' £1589.52 bhala danni, ir-rikorrenti Janette Morgan titlob l-ammont ta' £1237.11 spejjez relatati mat-titjiriet minn u lejn Malta, kif ukoll spejjez relatati ma' allogjar go lukanda f'Oxford.  Sussegwentament permezz ta' nota ntavolata nhar is-27 ta' Frar, 2019 a fol. 817 tal-process ir-rikorrenti regghu ntavolaw lista simili pero' bi ftit varjazzjonijiet tal-ispejjez, liema spejjez din id-darba gew indikati kollha bil-munita tal-Euro u mhux bil-lira Ingliza kif kienu precedentament. Bhala ammonti ta' danni Laura Clark indikat is-somma ta' €2105.33, Anthony Morgan indika s-somma ta' €1154.38 u Janette Morgan indikat is-somma ta' €1060.52.

Fil-mori tal-kawza, r-rikorrenti Laura Clark u Janette Morgan regghu nkorrew spejjez ulterjuri sabiex gew Malta mal-attrici Vera Morgan ghall-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2019 u ghall-ezami mill-espert mediku appuntat mill-Qorti. Dawn l-ispejjez gew indikati permezz ta' nota ntavolata nhar il-11 ta' Ottubru, 2019 a fol. 1072 *et seq* tal-process li jammontaw ghas-somma ta' cirka €2017.00. Jigi rilevat li dan l-ammont jinkludi wkoll l-ispejjez relatati mal-ivvjaggar u l-allogjar tal-attrici Vera Morgan.

Illi stabbiliti x'inhuma d-danni mitluba mir-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan jonqos issa jigi determinat jekk hux minnu li t-talbiet taghhom huma preskritti.

Illi l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jistipula li ghall-hlas ta' hsara bhal dawk mitluba bil-kawza odjerna, azzjoni taqa' bl-gheluq ta' sentejn. Hekk jaqra l-artikolu:

> 'L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.'

Illi l-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitratta l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Dan l-Artikolu jistipula li l-preskrizzjoni tinkiser b'att gudizzjarju. L-artikolu msemmi jaqra kif isegwi:

> '2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.'

Mill-atti jirrizulta li gew intavolati zewg atti gudizzjarji datati 1 ta' Awwissu, 2016 (fol. 11) u 6 ta' Lulju, 2018 (fol. 12). Jirrizulta li entrambi l-ittri ufficjali gew mibghuta unikament minn Vera Morgan u mhux ukoll mir-rikorrenti l-ohra Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan. Ir-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan dahlu fix-xena meta giet intavolata l-kawza odjerna u cioe' fl-1 ta' Awwissu, 2018 u ghalhekk aktar minn sentejn mid-data tal-incident tal-11 ta' Gunju, 2016. Jirrizulta wkoll li l-ispejjez relatati mal-ivjaggar lejn Malta sabiex jiehdu hsieb il-genituri taghhom konsegwenza tal-incident bdew jigu nkorsi mmedjatament mal-incident u konsegwenza tal-incident u ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn ma gewx inkluzi huma wkoll fl-ittra ufficcjali. Kwindi jirrizulta li fil-kaz tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan t-terminu tal-preskrizzjoni ghat-telf tad-dritt tal-azzjoni fl-ebda hin ma gie nterrott tul is-sentejn mill-incident. In vista ta' dak suespost, il-Qorti sera tghaddi sabiex tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata u tqis it-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan ghal danni nkorsi minnhom konsegwenza tal-incident ta' ommhom qabel l-intavolar tal-kawza bhala preskritti.

Il-Qorti izda, salv il-mertu, tqis izda li mhumiex preskritti l-ispejjez li gew inkorsi mill-atturi in relazzjoni mal-ivjaggar taghhom lejn Malta sabiex sarilhom il-kontro-ezami stante li dawn l-ispejjez ma setghux jigu preveduti qabel ma giet intavolata l-kawza u certament l-atturi ma kienux f'posizzjoni legali li jfittxu ghall-istess qabel ma effettivament giet intavolata l-kawza u ntalbu jidhru ghall-kontro-ezami.

It-tieni eccezzjoni preliminari ta' John Borg bhala Direttur tas-socjeta' Drifter Car Rentals Company Limited:

Illi da parti tieghu tal-intimat John Borg bhala Direttur tas-socjeta' intimata in vena preliminari eccepixxa wkoll li t-talbiet rikorrenti fil-konfront tieghu huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ikkwotat aktar qabel.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Bonello et -vs- Robert Eminyan** deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2003 li da parti taghha kkwotat id-decizjoni fl-ismijiet **Registratur tal-Kumpaniji -vs- Debono**, deciza fit-12 ta' Ottubru, 1987, inghad li sabiex issehh interruzzjoni jehtieg mhux biss li l-ittra ufficjali tigi prezentata qabel ma jiskadi t-terminu preskrittiv, izda li dik l-ittra tigi notifikata lid-debitur fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni (ara artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili).
Kif gja nghad precedentement mill-atti jirrizulta li gew ipprezentati zewg ittri ufficjali datati 1 ta' Awwissu, 2016 (fol. 11) u 6 ta' Lulju, 2018 (fol. 12). L-ittra ufficjali tal-1 ta' Awwissu, 2016 intbghatet lill-'Drifter Car Rentals Co. Ltd (C13960)' biss. Filwaqt li l-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju, 2018 intbaghtet lil John Borg ukoll f'ismu personali. Isegwi ghalhekk li t-terminu ta' preskrizzjoni fil-konfront ta' John Borg kemm f'ismu personali ma giex interrott permezz tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju, 2018 stante li din dahlet xahar u nofs oltre s-sentejn mid-data tal-incident li gara nhar il-11 ta' Gunju, 2016 u ghalhekk it-talbiet fil-konfront ta' John Borg f'ismu personali huma preskritti.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' John Borg bhala Direttur ta' Drifter Car Rentals Company Limited u tqis it-talba tar-rikorrenti fil-konfront tieghu bhala preskritta.

**<u>It-tielet eccezzjoni tas-socjeta' intimata:</u>**

Is-socjeta intimata fit-tielet eccezzjoni taghha teccepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan ghandhom jigu michuda kwantu diretti kontra s-socjeta' intimata stante li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejniethom. Tinsisti li gjaladarba bejn il-partijiet ma kienx hemm, u qatt ma jista' jkun hemm l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu guridiku li jorbothom flimkien isegwi ghalhekk li s-socjeta' intimata m'hijiex legittima kontradittrici ghall-lanjanza tal-imsemmija rikorrenti.

Illi gjaladarba rrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan huma preskritti din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra oltre fl-istharrig ta' din l-eccezzjoni fir-rigward tal-ispejjez inkorsi precedentement ghall-intavolar tal-kawza. Dwar l-ispejjez sabiex l-atturi jattendu fil-Gzejjer Maltin ghall-kontro-ezami ma hemmx dubju li din l-eccezzjoni ma treggix stante li kienu l-istess ntimati li talbu li jaghmlu l-kontro-ezami taghhom.

**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimat John Borg bhala Direttur tas-socjeta' Drifter Car Rentals Company Limited:</u>**

Bit-tielet eccezzjoni tieghu l-intimat John Borg jeccepixxi wkoll li t-talbiet rikorrenti in kwantu diretti kontra tieghu personalment ghandhom jigu michuda stante li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-imsemmija rikorrenti u John Borg fil-kwalita' personali. Jinsisti li gjaladarba bejn il-partijiet ma kienx hemm, u

qatt ma jista' jkun hemm l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu guridiku li jorbothom flimkien isegwi ghalhekk li m'huwiex legittimu kontraddittur ghall-lanjanza tal-imsemmija rikorrenti.

Illi gjaladarba rrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' John Borg huma preskritti din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra oltre fl-istharrig ta' din l-eccezzjoni u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Kunsiderazzjonijiet:**

**Responsabilita':**

In sintesi l-incident tal-attrici Vera Morgan li gara nhar il-11 ta' Gunju, 2016 fi Triq tas-Salib, Mellieha kien ikkawzat minn zelqa fit-triq fuq materjal konsistenti f'tahlita ta' siment u ilma li allegatament carcar mill-fond proprjeta' tas-socjeta' intimata 'Drifter Car Rentals Co. Limited'. Konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici Vera Morgan sofriet ksur miftuh fir-riglejn ix-xellugija, msejha bhala *distal tibia* (ara deposizzjoni ta' Mr Ryan Giordimaina a fol. 98 *et seq* tal-process).

Mhux ikkontestat mis-socjeta' intimata li nhar il-11 ta' Gunju, 2016 fil-garaxx proprjeta' taghha ta' Triq tas-Salib, Mellieha saru xoghlijiet ta' twittiegh ta' konkos fuq gewwa tal-garage u fir-rampa ta' barra. Madanakollu huwa kkontestat li tali xoghlijiet effettwaw il-post fejn gara l-incident tal-attrici Vera Morgan (ara x-xhieda ta' John Borg a fol. 1069 *et seq* tal-process).

Mill-atti jirrizulta li l-post fejn gara l-incident huwa ma' genb il-kaxxa tal-parkegg tal-persuni b'dizabilita'. Fir-ritratt a fol. 5 tal-process il-kaxxa tal-persuni b'dizabilita' tidher posizzjonata l-

ewwel wahda fl-estremita' leminija meta thares lejn ir-ritratt. L-attrici Vera Morgan in kontro-ezami tindika fejn hemm immarkat salib fir-ritratt a fol. 5 tal-process bhala l-post fejn kienet ipparkegjata u fejn kellha l-incident (ara kontro-ezami a fol. 1028 *et seq* tal-process).

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-uniku verzjoni tal-fatti tal-incident hija dik tal-attrici Vera Morgan. Il-Qorti tinnota li ghalkemm dakinhar tal-incident l-attrici kienet akkumpanjata minn zewgha Edward Morgan li jista' jinghad hu xhud okulari tal-incident, dan ma tressaqx bhala xhud. L-attrici tghid li zewgha jbati minn '*vascular dementia*' (liema verzjoni hija kkollaborata mir-rikorrenti l-ohra) u l-Qorti tqis li ma tressaqx bhala xhud ghal din ir-raguni.

Mill-atti jidher li *a tempo vergine* l-attrici rrakkontat il-verzjoni tal-fatti lil zewg persuni u cioe' lil Jonathan Kimber (a fol. 48 *et seq* tal-process) u Pauline Tonna (a fol. 80 *et seq* tal-process) li kienu f'bar faccata tal-post tal-incident b'isem ta' 'Reflections' u li qasmu fuq il-post fi ftit minuti.

Il-Qorti tqis id-deposizzjoni ta' Jonathan Kimber moghtija fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2018 bhala wahda li titfa' dawl mhux biss ghaliex ix-xhud ikkonferma x'ra u sab fuq il-post fejn korriet l-attrici, izda wkoll, ghaliex kien l-istess Jonathan Kimber li ha ritratti tal-post tal-incident u tal-akkwati. Is-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (a fol. 1124 *et seq* tal-process) tghid li x-xhud Jonathan Kimber ipprezenta ritratti li huma '*...ffukati biss fuq il-bankina fejn allegatament zelqet Vera Morgan u ma jurux it-tul ta' Triq is-Salib.*' Il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din l-asserzjoni stante li gew ipprezentati ritratti a fol. 1092 *et seq* tal-process li ttiehdu mill-istess Jonathan Kimber li juru l-konfigurazzjoni tat-

triq kollha. Il-Qorti fliet bir-reqqa r-ritratti kollha esebiti mix-xhud Jonathan Kimber u setghet tinnota s-segwenti:

i. Ritratt a fol. 6 tal-process – jidher it-ticpis tad-demm mal-art, kif ukoll materjal qrib il-bankina u l-kanali tat-triq (gutters) li minnhom jiskula l-ilma tax-xita u materjal iehor minn sorsi ohra li jaqa' fit-triq;

ii. Ritratt a fol. 7 tal-process – jidher id-demm fit-triq u l-materjal fejn partijiet minnu jidher niexef filwaqt li fil-parti l-aktar vicin tal-bankina jidher ghandu mhux niexef. Il-Qorti tinnota wkoll li ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-intimati l-post fejn sehh l-incident huwa ezatt hdejn il-bankina li f'dik il-parti tal-parkegg tisporgi l-barra u ghalhekk temmen li huwa versomili dak li sostniet l-attrici u cioe' li hija zelqet malli nizzlet saqajha minn fuq il-bankina u mhux li lahqet ghamlet xi passi kif pruvat tissuggerixxi l-Avukat tal-intimati. Ukoll il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti Morgan xehdet li hija ma ratx ilma u siment meta nizlet mill-karozza, stante li mir-ritratti jidher li dan l-ilma bis-siment huwa migbur taht il-bankina huwa ghalhekk verosimili li x'hin l-attrici harget mill-karozza dan ma ratux ghaliex hi rifset fuq in-naha ta' gewwa tal-bieba filwaqt li l-ilma bis-siment kien jinsab wara l-bieba fin-naha ta' barra, min-naha l-ohra x'hin giet biex tidhol u sehh l-incident hija bilfors kellha tirfes fuq in-naha ta' barra biex tiftah il-bieba. Ukoll, x'hin l-attrici waslet fuq il-post ma kinitx qed tobsor li hija sieghat wara kienet ser tizloq fl-ilma bis-siment u ghalhekk zgur li l-attenzjoni principali taghha f'dak il-mument ma kienx fuq dak li seta' kien hemm taht il-bankina.

iii. Ritratt a fol. 8 tal-process – ritratt mehud aktar mill-boghod minn fejn jidher il-materjal niexef tul it-triq u li dan skula minn naha l-ohra tat-triq peress li halla tracca twila tul it-triq;

iv. Ritratt a fol. 1092 tal-process – ritratt tat-triq mehud lejn id-direzzjoni tal-garaxx proprjeta' tas-socjeta' intimata. Fir-ritratt tidher it-tracca tal-materjal ta' lewn abjad fil-griz niexef tul it-triq (li tidher ukoll fir-ritratt a fol. 8 tal-process) u li tidher derivanti mill-garaxx proprjeta' tas-socjeta' intimata. Fuq dan l-istess ritratt l-intimat John Borg fil-kontro-ezami tieghu kkonferma li l-ittra 'x" tindika fejn gie mahsul il-'concrete mixer' wara li tlesta x-xoghol. Jidher ukoll car minn dan ir-ritratt li l-pendil tat-triq hija l-isfel u cioe' minn fejn hemm l-ittra 'x' l-isfel lejn fejn sehh l-incident tant li hemm il-gutters mahsuba sabiex jilqghu ghall-ilma tax-xita taht il-bankina fejn sehh l-incident.

v. Ritratt a fol. 1093 tal-process – ritratt tat-triq din id-darba mehud min-naha tal-garaxx tas-socjeta' intimata. Fir-ritratt jidher ukoll it-tracca tal-materjal ta' lewn abjad fil-griz niexef tul it-triq direzzjoni lejn l-kanali tat-triq (gutters) li minnhom jiskula l-ilma tax-xita u materjal iehor;

vi. Ritratt a fol. 1095 tal-process – ritratt ta' qiegh ta' zarbuna li x-xhud li ha r-ritratt jghid li kienet tal-attrici fix-xhieda tieghu u maghha hemm ticpis tal-materjal simili ta' dak li jinsab ma l-art;

vii. Ritratt a fol. 1096 tal-process – ritratt bil-kulur mehud vicin il-bankina fejn gara l-incident. Jidhru tracci ta' demm mal-art u ammont konsiderevoli ta' materjal li jista jigi identifikat minn din il-Qorti bhala siment imhallat bl-ilma li ghadu mhux niexef u ghalhekk jevidenzja li din il-Qorti li din il-parti tat-triq hija fejn ingema l-maggorparti tal-ilma bis-siment wara li dan gie mahsul;

viii. Ritratt a fol. 1097 tal-process – ritratt aktar mill-qrib tal-materjal identifikat bhala siment imhallat bl-ilma li jidher mhux

niexef. Il-Qorti tinnota li dan jinsab ezatt taht il-bankina kif iddeskriviet l-attrici fix-xiehda taghha.

Ix-xhud Jonathan Kimber jindika li mal-art kien hemm 'slurry' li fuqu l-attrici zelqet u li kienet tidher ukoll iz-zelqa. Jikkonferma r-ritratti a fol. 6, fol. 7 u fol. 8 tal-process bhala ritratti mehudin minnu l-ghada tal-incident u a propozitu r-ritratt a fol. 6 jghid illi:

> *'Witness : **This was the concrete slurry that she actually slipped on. The slip you could see it there** and when the ambulance came we had to warn them and advice them not to stand down there because they got ... some on their shoes as well*
>
> *Dr. Nikol Caruana : And do you remember when did you take those pictures?*
>
> *Witness : I took them the following morning.*
>
> *Dr. Nikol Caruana : **The following morning there was still the slurry?***
>
> *Witness : **Yes.**'* (enfazi tal-Qorti)

Fuq l-istess binarju kienet id-deposizzjoni tax-xhud Pauline Tonna li in kontro-ezami a fol. 89 tal-process ikkonfermat ukoll li l-'slurry' li waqghet fuqu l-attrici Vera Morgan kien gej mid-direzzjoni tal-garaxx tas-socjeta' intimata. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghall-kwotazzjoni mehuda mid-deposizzjoni ta' Pauline Tonna li giet kwotata aktar il-quddiem taht is-sezzjoni 'provi'.

Ir-rikorrenti ressqu wkoll bhala xhud lil Paul Thompson li in kontro-ezami a fol. 62 tal-process ikkonferma li huwa ma rax lill-attrici Vera Morgan taqa' madanakollu huwa ra '*a slip*' minn liema seta' jikkonkludi li l-attrici zelqet fuq il-materjal li kien hemm iddepozitat mal-art.

Illi l-Qorti terga' tinnota li fil-bankina fejn gara l-incident hemm kanali tat-triq (gutters) li minnhom jiskula l-ilma u kwalunkwe materjal iehor. Dawn il-kanali tat-triq (gutters) huma evidenza cara li t-triq ghandha t-tpendil, liema tpendil imur ezattament fejn gara l-incident.

Illi da parti tal-konvenuti jittentaw jaharbu mir-responsabilita' billi jargumentaw li faccata tat-triq fejn jipparkjaw il-vetturi *fish bone* ma saret l-ebda attivita' da parti taghhom. Fl-istess nifs ix-xhud John Borg fid-deposizzjoni tieghu jinsisti li wara li saru x-xoghlijiet huwa naddaf it-triq billi gabar il-fdalijiet tal-konkrit li kien hemm u hasel sew dik il-parti tat-triq man-naha taghhom. Il-Qorti tqis li l-ammont ta' ilma mitfugh sabiex tnaddaf sew l-ambjent immedjat quddiem il-garaxx spicca nizzel mieghu is-siment li kien ghad hemm fl-art lejn il-kanali murija fir-ritratti suesposti. In kontro-ezami a fol. 1109 *et seq* tal-process, ix-xhud meta gie kkonfrontat bil-fatt jekk it-trakk tal-konkos giex ukoll imnaddaf mic-caflis tas-siment mar-roti u l-bokka, ghalkemm ghal ewwel ix-xhud John Borg beda jichad li t-trakk inhasel fejn il-garaxx, sussegwentament huwa biddel il-verzjoni u kkonferma li t-trakk inhasel bl-ilma ftit il' fuq mill-garaxx kif muri fir-ritratt suespost b'rizultat li dan l-ilma bis-siment ukoll mexa lejn il-gutters fejn sehh l-incident.

Il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta pruvat li l-materjal li fuqu zelqet l-attrici Vera Morgan kien rizultat ta' skular tal-materjal konsistenti

f'siment u ilma wara x-xoghlijiet li saru filghodu mis-socjeta' rikorrenti. Mir-ritratti li gew esebiti fl-atti partikolarment a fol. 1092 u fol. 1093 huwa evidenti li dan il-materjal li skula kien siment li gie mnaddaf kemm minn fejn il-bankina, kif ukoll minn mat-trakk tar-'ready mix' li bit-tpendil nizel fejn hemm il-kanali tat-triq (gutters). Il-vettura tal-attrici kienet ipparkegjata fil-kaxxa tal-persuni b'disabilita' li tigi precizament fejn hemm dawn il-kanali tat-triq (gutters). Isegwi ghalhekk li huwa probabbli li meta l-attrici poggiet sieqha sabiex taccedi fil-vettura taghha din sabet is-siment bl-ilma li kien ghadu ma nixifx u zelqet. Il-Qorti zzid li ghalkemm huwa minnu li l-probabilta' hi li hafna mill-ilma u siment mitfugha fit-triq waqt it-tindif setghu lahqu nixfu sa filghaxija, mir-ritratti jirrizulta evidenti li dak li ngabar fejn il-'gutters' ezatt taht il-bankina, fejn ikun hemm karozzi pparkjati evidentement ma lahaqx nixef tant li sal-ghada filghodu kienu ghadu jidher mxarrab. Huwa car ghalhekk li kieku ma ntefax l-ilma bis-siment mill-haddiema tas-socjeta intimata fit-triq sabiex quddiem l-istabbilment taghha jitnaddaf 'nadif tazza' (kliem l-intimat) allura l-incident tal-attrici ma kienx isehh ghaliex ma kienx ikollha fuq xiex tizloq. Is-socjeta' intimata kellha toqghod attenta li tnaddaf kull fejn skula l-ilma bis-siment u mhux biss quddiem ir-rampa taghha partikolarment meta l-fisjonomija tat-triq quddiem il-garaxx twassal sabiex l-ilma bis-siment jiskula ferm oltre minn quddiemha stante li hija ghan nizla.

Ghaldaqstant din il-Qorti ghal dik li hija responsabilita' tal-incident in kwistjoni tqis li dan sehh unikament tort tas-socjeta' intimata Drifter Car Rentals Co. Ltd. kif espost fir-rikors guramentat b'dan li l-ewwel talba attrici hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Damnum Emergens:**

Illi ghal dak li huwa *damnum emergens* fl-atti tressaq rendikont tal-kwantifikazzjoni tal-ispejjez flimkien mal-ircevuti relattivi a fol. 818 *et seq* tal-process liema spejjez igibu s-somma totali ta' ghaxart elef mitejn disgha u hamsin Euro (€10,259).

Il-Qorti tinnota li ammont konsiderevoli ta' dawn id-*damnum emergens* huma ndikati bhala 'WEEKLY CARE RECEIPTS' u ghalkemm fl-atti gew annessi ricevuti miktuba, bl-ebda mod ma jirrizulta li dawn huma ricevuti fiskali u lanqas ma gie indikat lil min thallsu. Di piu' meta il-Qorti ghamlet kalkolu semplici fejn ikkalkolat l-ammont ta' ricevuti tal-weekly care rrizulta li hemm diskrepanza ta' mitt ewro (€100) meta mqabbla mar-rendikont totali. Il-Qorti ghall-ahjar intendiment ser tikkwota *ad verbatim* wahda minn dawn l-ircevuti fejn jinghad illi:

'W/E: 3/7/16
Vera Morgan
Care for Week
€100 cash
VP'

Il-Qorti kkunsidrat illi ma gietx prezentata prova lil min kienu qed jithallsu dawn il-flus, wisq anqas gie konfermat bil-gurament mill-persuna li suppost tat il-kura li effettivament saru dawn il-pagamenti u nghatat il-kura u lanqas gew prezentati ricevuti fiskali u ghalhekk tqis li dawn l-ispejjez fl-ammont ta' tlett elef u mitt Euro (€3100) rapprezentanti allegatament 'weekly care receipts' ma gewx sufficjentement pruvati.

Dwar l-ispejjez l-ohra ghall-ammont ta' sebat elef u disgha u hamsin ewro (€7059), wara li l-Qorti rat l-ircevuti kollha relattivi li jkopru l-istess somma tqis li dawn gew sufficjentement pruvati.

Fil-mori tal-kawza l-atturi ndikaw ukoll l-ammont ta' elfejn u sbatax-il ewro (€2,017) bhala *damnum emergens* konsistenti fi spejjez relatati mat-titjira u allogjar li gew minnom nkorsi sabiex Vera Morgan attendiet ghall-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2019 u sabiex giet ezaminata mill-espert mediku Dr Frederick Zammit Maempel. Dan l-ammont ta' elfejn u sbatax-il ewro (€2,017) jinkludi wkoll fih l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti Laura Clark u Janette Morgan sabiex gew Malta u xehdu in kontro-ezami liema spejjez gie deciz li mhux preskritti. Il-Qorti tqis li s-somma ta' elfejn u sbatax-il ewro (€2,017) giet sufficjentement pruvata.

Ghaldaqstant l-ammont ta' *damnum emergens* sofferti u li mhux preskritt jammonta ghas-somma totali ta' disat elef u sitta u sebghin Euro (€9076).

**<u>Lucrum Cessans:</u>**

Illi dwar id-danni cessanti sofferti, l-espert nominat mill-Qorti Mr Frederick Zammit Maempel ikkonkluda fir-rapport tieghu a fol. 1060 *et seq* tal-process li konsegwenza tal-incident ir-rikorrenti Vera Morgan sofriet disabilita' permanenti ta' 28%.

Il-Qorti rat ukoll li l-attrici twieldet fil-11 ta' Gunju, 1943 (ara kontro-ezami a fol. 1028 *et seq* tal-process) u ghalhekk fid-data tal-incident kellha tlieta u sebghin (73) sena. Ghalkemm l-attrici kienet ilha pensjonanta ghal numru ta' snin, hija kienet ghadha tghix hajja attiva, kellha hajja socjali u kienet taghmilha wkoll ta' carer primarju ta' zewgha li jbati mill-'*vascular dementia*'. A

propozitu l-*multiplier* fil-kaz li l-persuni tkun pensjonanta bhal fil-kaz odjern, gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **Alfred Zammit -vs- Anthony Grima** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Lulju, 2018 illi:

> 'Huwa veru li meta seħħ dan l-inċident, l-attur kien diġà ilu numru ta' snin pensjonant, madanakollu l-Qorti tħoss li għandha tikkunsidra l-fattur li llum huma diversi dawk il-persuni li minkejja li laħqu l-età tal-pensjoni, xorta waħda jfittxu li jżommu impjieg, u dan jagħmluh għal raġunijiet varji. Fis-snin riċenti, il-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-multiplier massimu tenut kont l-età tal-individwu, u hemm qbil li għal persuni li qabżu l-età ta' sitta u ħamsin sena, il-multiplier għandu jkun ta' 5 jew anqas. Imma tenut kont tal-fatt li bħala medja l-Maltin u l-Għawdxin qegħdin jgħixu aktar u li bid-debilità permanenti li l-attur sofra b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-attur ser isofri telf ta' qligħ futur minħabba fl-ispejjeż li ser ikollu jinkorri għal tul ta' żmien, fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tqis li multiplier ta' 7 huwa aktar xieraq għall-każ in eżami.'.

Applikati dawn il-linji gwida ghal kaz odjern, din il-Qorti tqis li multiplier ta' hamsa (5) snin huwa wiehed gust u xieraq fic-cirkustanzi tal-kaz odjern.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici kellha dhul mis-'state pension'ghas-sena 2016 fl-ammont ta' cirka £3,655.28 ekwivalenti llum ghall-€4,230.79. Il-Qorti m'ghandiex f'idejha r-rata ta' kambju tas-sena 2016 peress li r-rata titla' u tinzel skont ic-cirkostanzi u ghalhekk ser tistabbilixxi l-ammont ta' dhul mill-pensjoni fil-munita tal-Euro ghal dik ta' €4,150.

Illi dwar it-tnaqqis minhabba *lump sum payment* fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe** gie deciz hekk:

> 'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-*lump sum payment* il-Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal- *lump sum payment*' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.

Dwar it-tnaqqis tal-*lump sum payment* il-Qorti rat li l-attrici pprocediet b'ittra ufficjali f'Awwissu 2016 u kompliet b'ohra f'Lulju, 2018, filwaqt li da parti tal-konvenuti ma jirrizultax li ghaddiet xi korrispondenza. Konsegwentement infethet il-kawza odjerna fl-1 ta' Awwissu, 2018. Il-kawza qed tinqata' fis-sena 2021. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li tnaqqis ta' persentagg ta' lump sum ta' 14% jkun wiehed gust u ekwu fic-cirkustanzi.

Fic-cirkustanzi tal-kaz odjern partikolarment l-eta` tar-rikorrenti l-Qorti tqis li ghal dak li hu 'chances and changes of life' ghandha zzid l-ammont dovut b'persentagg ta' 10%.

Ghalhekk is-somma li qieghda tigi likwidata bhala *lucrum cessans* hija kif isegwi:

€4,150 x 5 (multiplier) = €20,750 x 28% (rata ta' dizabilita' permanenti) = €5,810 - 14% (lump sum) = €4,996 x 10% (c & c) = €5495.60

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata Drifter Car Rentals Co. Limited u tiddikjara t-talbiet tar-rikorrenti Laura Clark, Anthony Morgan u Janette Morgan bhala preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) salv ghall-ammonti mitluba relatati ghall-ivjaggar lejn Malta sabiex sarilhom il-kontro-ezami;

2. Tilqa' it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat John Borg bhala Direttur tas-socjeta' intimata u tiddikjara t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tieghu bhala preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Tichad fil-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimati socjeta' intimata Drifter Car Rentals Co. Limited u John Borg bhala Direttur tas-socjeta' intimata;

4. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Drifter Car Rentals Co. Limited hija responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-11 ta' Gunju, 2016 fi Triq Tas-Salib, Mellieha u ghad-danni kollha diretti u konsegwenzjali subiti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' dan l-incident;

5. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti inkluz dawk *lucrum cessans* ghas-somma kumplessiva ta' erbatax-il elf, hames mija u wiehed u sebghin Ewro u sittin centezmu (€14,571.60);

6. Tilqa' it-tielet talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Drifter Car Rentals Co. Limited thallas lir-rikorrenti is-somma kumplessiva erbatax-il elf, hames mija u wiehed u sebghin Euro u sittin centezmu (€14,571.60).

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-ittri ufficjali numru 2571/2016 u 2402/2018 u bl-imghax skont il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Marzu, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Marzu, 2021**